

Brussell, 21 ta' Awwissu 2023
(OR. en)

12380/23

COASI 155
ASIE 78
CFSP/PESC 1158
PE 98
ECOFIN 827
WTO 133
COHOM 180

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Awwissu 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	JOIN(2023) 30 final
Suġġett:	RAPPORT KONĠUNT LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL - Ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong Rapport Annwali tal-2022

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument JOIN(2023) 30 final.

Mehmuż: JOIN(2023) 30 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 18.8.2023
JOIN(2023) 30 final

RAPPORT KONĠUNT LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong

Rapport Annwali tal-2022

RAPPORT KONĠUNT LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

IR-REĠJUN AMMINISTRATTIV SPEĊJALI TA' HONG KONG

RAPPORT ANNWALI TAL-2022

Sommarju

Minn mindu Hong Kong għadda f'idejn ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (PRC) fl-1997, l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha segwew mill-qrib l-iżviluppi politiċi u ekonomiċi fir-Reġjun Amministrattiv Speċjali (Special Administrative Region, SAR) ta' Hong Kong.

F'konformità mal-impenn mogħti lill-Parlament Ewropew fl-1997, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli joħorġu rapport annwali dwar l-iżviluppi f'Hong Kong b'enfasi partikolari fuq l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' "pajjiż wieħed, żewġ sistemi" u fuq l-awtonomija ta' Hong Kong kif iddikjarat fil-Liġi Bażika.

Dan huwa l-25 rapport, li jkopri l-2022. Is-sena kienet ikkaratterizzata minn: (i) il-25 anniversarju tat-trasferiment ta' Hong Kong għaċ-Ċina, biż-żjara tal-President Xi Jinping; (ii) it-tieni anniversarju tal-impożizzjoni tal-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali (NSL) fuq Hong Kong; u (iii) il-ġurament tal-ħatra ta' John Lee, l-ewwel Kap Eżekuttiv li ntgħażel wara l-implimentazzjoni tal-bidliet radikali fis-sistema elettorali ta' Hong Kong. John Lee kien l-uniku kandidat. B'mod parallel, fl-2022 kompla t-tnaqqir kontinwu fl-awtonomija ta' livell għoli tal-Macao, u tad-drittijiet u tal-libertajiet li kienu maħsuba li jiġu protetti sa mill-inqas l-2047.

Is-sena kienet ikkaratterizzata wkoll mill-implimentazzjoni estensiva tal-NSL. Il-proċessi ta' attivisti u politiċi favur id-demokrazija komplew jintensifikaw. Ħafna nies kienu qed jistennew proċess, inklużi 47 attivist favur id-demokrazija li pparteċipaw f'elezzjoni primarja, membri tal-Alleanza ta' Hong Kong li għet xolta b'Appoġġ għall-Movimenti Demokratiċi Patrijotiċi taċ-Ċina, in-negozjant setgħan tal-media Jimmy Lai u ħafna oħrajn. Ħafna minnhom inżammu f'kustodja sa minn Jannar 2021, f'xi każijiet f'iżolament. Il-liġi dwar is-sedizzjoni tal-era kolonjali ntużat ripetutament f'każijiet ta' sigurtà nazzjonali. F'Lulju, il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti fir-raba' rieżami perjodiku tiegħu skont il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi f'Hong Kong appella għat-tħassir kemm tal-NSL kif ukoll tal-liġi dwar is-sedizzjoni.

Għalkemm Hong Kong għadu jgawdi mil-libertà tal-internet, l-awtoritajiet waqqfu kontenut online sensittiv, bħas-sit web ta' Hong Kong Watch, fi Frar 2022. Diversi liġijiet oħra jheddu l-libertà tal-internet, bħal-liġi “anti-doxxing” u l-liġi tad-drittijiet tal-awtur.

Fit-28 ta' Novembru, il-Kap Eżekuttiv talab lill-Kumitat Permanenti tal-Kongress Nazzjonali tal-Poplu biex jinterpreta l-NSL għall-ewwel darba.

Dawn l-iżviluppi jitfgħu dejjem aktar dubju fuq l-istat tad-dritt f'Hong Kong – il-pedament tas-suċċess ekonomiku tiegħu.

L-UE uriet it-tħassib tagħha pubblikament u privatament dwar l-iżviluppi f'Hong Kong.

Ir-Rappreżentant Għoli ħareġ id-dikjarazzjoni li ġejja f'isem l-UE relatata ma' Hong Kong:

it-8 ta' Mejju – dikjarazzjoni dwar l-elezzjoni tal-Kap Eżekuttiv li saret fit-8 ta' Mejju¹.

Ir-Rappreżentant Għoli ħareġ it-tweet li ġejja relatata ma' Hong Kong:

it-12 ta' Mejju – tweet dwar l-arrest ta' Denise Ho, Hui Po-keung, Margaret Ng u l-Cardinal Joseph Zen².

Id-dikjarazzjoni tal-kelliem tal-UE dwar Hong Kong kopriet dan li ġej:

it-28 ta' Lulju – dikjarazzjoni dwar id-drittijiet ċivili u politiċi³.

It-tweets tal-kelliem tal-UE dwar Hong Kong kopra dan li ġej:

l-4 ta' Jannar – tweet dwar l-ghelug ta' Citizen News⁴;

¹ Id-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli f'isem l-Unjoni Ewropea dwar l-elezzjoni tal-Kap Eżekuttiv li saret fit-8 ta' Mejju, il-Kunsill tal-UE, it-8 ta' Mejju 2022, disponibbli fuq: <https://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2022/05/08/hong-kong-declaration-by-the-high-representative-on-behalf-of-the-european-union-on-the-chief-executive-election-held-on-8-may/>

² Tweet mir-Rappreżentant Għoli dwar l-arrest tal-Cardinal Joseph Zen, Margaret Ng, Denise Ho u Hui Po-keung, it-12 ta' Mejju 2022, disponibbli fuq: https://twitter.com/josepborrelli/status/1524463674278264834?s=21&t=waWDgBNVJ77GO5_t9QmZ-g.

³ Stqarrija mill-Kelliem dwar id-drittijiet ċivili u politiċi, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, it-28 ta' Lulju 2022, disponibbli fuq: https://www.eeas.europa.eu/eeas/hong-kong-statement-spokesperson-civil-and-political-rights_en.

⁴ Tweet mill-Kelliem dwar l-ghelug ta' Citizen News, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, l-4 ta' Jannar 2022, disponibbli fuq: <https://twitter.com/nabilauspox/status/1478056509825327109?s=21>.

is-16 ta' Marzu – tweet dwar Hong Kong Watch bħala l-ewwel organizzazzjoni barranija li rċeviet twissija mill-pulizija tas-sigurtà nazzjonali⁵;

l-1 ta' Lulju – tweet fil-25 anniversarju mit-twaqqif tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong⁶.

Wara l-għażla tal-Kap Eżekuttiv, il-ministri għall-affarijiet barranin tal-G7 ħarġu dikjarazzjoni konġunta dwar Hong Kong fid-9 ta' Mejju

L-UE qajmet it-tħassib tagħha dwar il-libertajiet fundamentali ta' Hong Kong u l-grad ta' awtonomija mat-tmexxija Ċiniża fis-Summit bejn l-UE u ċ-Ċina li sar fl-1 ta' April 2022, u f'laqgħa tal-Mexxejja li saret fl-1 ta' Diċembru 2022.

Fl-2022, il-Parlament Ewropew adotta żewġ riżoluzzjonijiet dwar Hong Kong, kif stabbilit hawn taħt.

Fl-20 ta' Jannar, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-ksur tal-libertajiet fundamentali f'Hong Kong. Ir-riżoluzzjoni “tikkundanna bl-aktar mod qawwi l-fatt li l-libertà tal-espressjoni, il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-libertà tal-istampa huma ristretti b'mod gravi f'Hong Kong, daqs kemm huma fiċ-Ċina, u ttenni s-solidarjetà tagħha mal-poplu ta' Hong Kong fil-għlieda tiegħu għal-libertà u d-demokrazija”.

Fis-7 ta' Lulju, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-arrest tal-Kardinal Zen u tal-fiduċjarji tas-612 Humanitarian Relief Fund f'Hong Kong. Ir-riżoluzzjoni “tikkundanna l-arrest tal-Kardinal Joseph Zen, wieħed mill-aktar difensuri qawwija tal-moviment favur id-demokrazija tal-belt, u tal-erba' fiduċjarji l-oħra tas-612 Humanitarian Relief Fund f'Hong Kong, li huwa attakk fuq il-libertajiet garantiti mill-Liġi Bażika ta' Hong Kong, inkluża l-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin”.

L-ekonomija ta' Hong Kong reġgħet waqgħet f'reċessjoni fl-2022, minkejja li r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u s-saħħa ġew gradwalment illaxkati fit-tieni parti tas-sena. Hong Kong baqa' t-tielet l-akbar destinazzjoni ta' investiment fid-dinja u kien il-ħames l-akbar ekonomija kummerċjali fid-dinja. L-għadd ta' kumpaniji tal-UE naqas b'0,9 % sena wara sena, bejn Ġunju 2021 u Ġunju 2022 (għal 1 600). Madankollu, il-kumpaniji tal-UE kienu fost l-aktar reżiljenti mill-

⁵ Tweet dwar Hong Kong Watch bħala l-ewwel organizzazzjoni barranija li rċeviet twissija mill-Pulizija tas-Sigurtà Nazzjonali, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, is-16 ta' Marzu 2022, disponibbli fuq: <https://twitter.com/nabilauspox/status/1504029166622191616?s=21>.

⁶ Tweet dwar il-25 anniversarju mit-twaqqif tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, l-1 ta' Lulju 2022, disponibbli fuq: <https://twitter.com/NabilaEUspox/status/1542747257639952384>.

bidu tal-pandemija (bi tnaqqis fl-għadd ta' 0,2 % biss minn Ġunju 2019) u baqgħu l-akbar komunità kummerċjali mhux Ċiniża f' Hong Kong. L-UE kienet it-tielet l-akbar sieħeb kummerċjali ta' Hong Kong fil-merkanzija fl-ewwel 10 xhur tal-2022, wara ċ-Ċina kontinentali u t-Tajwan.

L-ekonomija ta' Hong Kong ċkienet bi 3,3 % sena wara sena⁷ fl-ewwel disa' xhur tal-2022. L-industrija finanzjarja u l-industrija tal-kummerċ u tal-loġistika ffaċċjaw aktar effetti negattivi matul is-sena, filwaqt li l-industriji esposti għall-infiq tat-turisti komplew jagħtu prestazzjoni ħażina.

Id-*data* uffiċjali mid-Dipartiment taċ-Ċensiment u l-Istatistika turi li Hong Kong esperjenza l-akbar tnaqqis fil-popolazzjoni minn mindu din bdiet tiġi segwita fl-1961. Madwar 116 600 persuna ta' bejn it-18 u d-39 sena telqu f'dawn l-aħħar sentejn. B'riżultat ta' dan, il-popolazzjoni naqset b'121 500 – jew 1,6 % sena wara sena – bejn Ġunju 2021 u Ġunju 2022 (b'95 000 minħabba l-ħruġ nett ta' residenti u b'26 500 peress li l-għadd ta' mwiet qabeż dak tat-twelid)⁸.

Ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni u l-iżviluppi tal-COVID-19

Fil-bidu tas-sena, il-gvern saħħa il-miżuri fis-seħħ biex irażżan it-tifqigħa tal-COVID-19. Dawn il-miżuri iżolaw lil Hong Kong mill-bqija tad-dinja, peress li kienu jinkludu mekkaniżmu ta' sospensjoni tat-titjiriet, il-projbizzjoni fuq it-tranżitu li tkopri aktar minn 100 pajjiż u territorju, inkluża Franza⁹, u tliet ġimgħat ta' kwarantina f'lukanda għall-vjaġġaturi li jkunu deħlin fil-pajjiż. Ir-restrizzjonijiet affettwaw kemm il-ħajja ta' kuljum kif ukoll l-ekonomija, b'limitazzjonijiet fuq il-ħajja soċjali, bl-implimentazzjoni ta' kodiċi tas-saħħa u bl-introduzzjoni ta' app għat-traċċar diġitali. L-aġar tal-ħames mewġa ntlaħaq f'Marzu, peress li Hong Kong irreġistra aktar minn 58 000 każ ikkonfermat kuljum. Wara li s-sitwazzjoni tal-pandemija tjebet gradwalment u fl-1 ta' Lulju beda l-mandat ta' amministrazzjoni ġdida, il-gvern ħa passi biex gradwalment jerġa' lura għan-normalità.

I. L-iżviluppi politiċi u soċjali

⁷ Stqarrija għall-istampa: *Stimi bil-quddiem dwar il-Prodott Domestiku Gross għat-tielet trimestru tal-2021*, l-1 ta' Novmbri 2021, id-Dipartiment taċ-Ċensiment u l-Istatistika tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong, disponibbli fuq: https://www.censtatd.gov.hk/en/press_release_detail.html?id=4917.

⁸ Stqarrija għall-istampa: *Il-popolazzjoni f'nofs is-sena għall-2022, il-11 ta' Awwissu 2022*, id-Dipartiment taċ-Ċensiment u l-Istatistika tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong, disponibbli fuq: https://www.censtatd.gov.hk/en/press_release_detail.html?id=5078.

⁹ Franza kienet l-uniku Stat Membru tal-UE affettwat minn din il-miżura.

Żviluppi politiċi

Is-sena mmarkat il-**25 anniversarju tat-trasferiment ta' Hong Kong** mir-Renju Unit lill-PRC. Skont il-prinċipju ta' "pajjiż wieħed, żewġ sistemi", is-sistema ekonomika u l-istil ta' ħajja ta' Hong Kong jenħtieġ li jibqgħu l-istess għal 50 sena, kif stipulat fid-Dikjarazzjoni Konġunta Sino-Brittanika. Fl-1 ta' Lulju, il-President Xi Jinping indika għall-ewwel darba li l-prinċipju ta' "pajjiż wieħed, żewġ sistemi" jista' jibqa' fis-seħħ wara l-2047, taħt il-ġuriżdizzjoni komprensiva taċ-Ċina.

Id-dikjarazzjoni Sino-Brittanika pprevediet li Hong Kong igawdi minn "grad għoli ta' awtonomija" bħala SAR u li l-poplu ta' Hong Kong imexxi lil Hong Kong.

Ir-riforma elettoral tal-2021 kellha l-għan li tiżgura li l-"patrijotti jiggstixxu lil Hong Kong". L-ewwel **elezzjoni tal-Kap Eżekuttiv**, minn meta seħħet ir-riforma, saret fit-8 ta' Mejju. L-eks uffiċjal tal-pulizija u l-Ewwel Segretarju tal-Amministrazzjoni, John Lee, kien l-uniku kandidat fit-tellieqa. Ir-restrizzjonijiet tal-COVID-19 fixklu l-iskeda elettoral. Fit-18 ta' Frar, il-Kap Eżekuttiv ta' dak iż-żmien, Carrie Lam, ħabbret li l-elezzjoni kienet se tiġi posposta b'6 ġimgħat, mis-27 ta' Marzu għat-8 ta' Mejju, u kkwotat l-istruzzjoni tal-President Xi Jinping biex tiġi kkontrollata s-sitwazzjoni tal-COVID-19 u invokat l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti ta' Emerġenza.

Wara li l-perjodu tan-nomina beda fit-3 ta' April, il-Kap Eżekuttiv Carrie Lam iddikjarat li ma kinitx se terġa' toħroġ għall-elezzjoni. Fis-6 ta' April, l-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Gvern Ċentrali tal-Poplu f' Hong Kong indika f'laqgħa mal-eliti politiċi li appoġġa lil John Lee. Fl-istess jum, John Lee rriżenja mill-kariga tiegħu bħala l-Ewwel Segretarju tal-Amministrazzjoni u ddikjara l-intenzjoni tiegħu li joħroġ għall-kariga. Fis-7 ta' April, il-Kunsill tal-Istat tal-Gvern Ċentrali tal-Poplu aċċetta r-riżenja ta' John Lee f'konformità mal-Liġi Bażika. Fid-9 ta' April, John Lee fforma tim għall-kampanja u organizza attività virtwali tal-media biex jiddikjara l-kandidatura tiegħu.

Fl-ewwel jum, John Lee rċieva madwar 300 nomina li koprew il-ħames setturi kollha tal-Kumitat Elettorali ta' 1 463 ruħ li ngħata xejra oħra, li qabżu l-limitu meħtieġ ta' 188, u qrib l-għan iddikjarat tiegħu ta' 500 nomina. Fis-16 ta' April, il-perjodu tan-nomina ntemm: huwa kien għabar 786 nomina. Jumejn wara, il-Kumitat għar-Rieżami tal-Eliġibbiltà tal-Kandidati kkonferma l-kandidatura ta' John Lee, u ddikjarah l-uniku kandidat.

Din it-tellieqa ta' persuna waħda segwiet il-mudell tal-Macao, fejn dejjem kien hemm kandidat wieħed biss għall-għażla tal-Kap Eżekuttiv.

Matul il-kampanja elettorali, John Lee u t-tim tiegħu naqsu milli jippreżentaw il-kopji ta' tliet formoli ta' kunsens għall-appoġġ fiż-żmien speċifikat mill-kummissjoni tal-affarijiet elettorali, reat li għandu s-sentenza massima ta' sitt xahar ħabs u multa ta' HKD 5 000 (EUR 594,5). F'Awwissu, il-Qorti Superjuri ddeċidiet li l-ksur kien riżultat ta' żball u li ma kienx hemm *mala fide*. John Lee ma ġiex immultat.

Fit-8 ta' Mejju, John Lee kiseb 1 416-il vot, jew 99,2 % tal-voti validi, mill-membri tal-Kumitat Elettorali. Tmien membri vvutaw kontrih filwaqt li erbgħa oħra tefgħu l-karta tal-vot vojta. Fit-30 ta' Mejju huwa rċieva ċ-ċertifikat tal-ħatra bħala l-Kap Eżekuttiv għas-sitt terminu mill-Prim Ministru Li Keqiang, u fl-1 ta' Lulju ħa l-ġurament quddiem il-President Xi Jinping.

Il-Kap Eżekuttiv irristruttura l-gvern f'konformità mal-prijoritajiet politiċi tiegħu. Huwa ħoloq tliet pożizzjonijiet ġodda: Il-Viċi Kap Segretarju għall-Amministrazzjoni, il-Viċi Segretarju Finanzjarju, u l-Viċi Segretarju għall-Ġustizzja. Huwa waqqaf ukoll Uffiċċju ġdid għall-Kultura, l-Isport u t-Turiżmu, qasam l-Uffiċċju tat-Trasport u d-Djar f'Uffiċċju tat-Trasport u l-Loġistika u Uffiċċju tal-Akkomodazzjoni, u saħħaħ l-Uffiċċju għall-Affarijiet Interni, li sar l-Uffiċċju għall-Affarijiet Interni u ż-Żgħażaġħ.

Ftit wara li ġie ffurmat il-gvern il-ġdid, uffiċjali għolja tal-gvern, inklużi l-Kap Eżekuttiv John Lee u s-Segretarju Finanzjarju Paul Chan, mexxew delegazzjonijiet barra mill-pajjiż f'konformità mal-istrateġija taċ-Ċina "Belt and Road". Huma għamlu żjarat f'pajjiżi tal-Lvant Nofsani, b'mod partikolari l-Arabja Sawdija, u l-Asja tax-Xlokk. F'Novembru, Paul Chan attenda l-laqgħa tal-G20 f'Bali bħala membru tad-delegazzjoni Ċiniża, filwaqt li l-Kap Eżekuttiv John Lee mexxa delegazzjoni li attendiet il-Forum ta' Kooperazzjoni Ekonomika bejn l-Asja u l-Paċifiku fit-Tajlandja, biex jipromwovi l-immagna ta' Hong Kong, peress li t-territorju kien qed jerġa' jinfetaħ għad-dinja.

Fid-19 ta' Ottubru, John Lee ta l-ewwel diskors ta' politika tiegħu lill-Kunsill Leġiżlattiv. Huwa żvela sensiela ta' miżuri dwar l-irkupru ta' Hong Kong, bħal skemi ta' talent li għandhom l-għan li jattiraw 35 000 professjonist ta' kull sena matul it-tliet snin li ġejjin; it-twaqqif ta' Uffiċċju biex jiġu attirati Intrapriżi Strateġiċi; u t-tnedija ta' fond ta' koinvestment ta' HKD 30 biljun (EUR 3,7 biljun) biex jiġi attirat investment minn negozji strateġiċi. Huwa ħabbar ukoll it-twaqqif ta' timijiet iddedikati fis-17-il Uffiċċju Ekonomiku u Kummerċjali kontinentali u extra-Ewropew ta' Hong Kong, biex jintlaħqu n-negozji u l-professjonisti.

Il-Gvern irrinunzja għat-taxxi addizzjonali tal-boll fuq il-proprjetà għall-barranin li għexu f' Hong Kong għal 7 snin u li huma residenti permanenti. John Lee żvela l-mira ambizzjuża li jnaqqas iż-żmien ta' stennija għall-kiri ta' akkomodazzjoni pubblika mil-livell eżistenti ta' madwar 6 snin għal madwar 4,5 snin fi żmien 4 snin.

Fit-18 ta' Diċembru, saret l-elezzjoni każwali għall-kostitwenza tal-Kumitat Elettorali tal-Kunsill Leġiżlattiv biex jimtew erba' siġġijiet tal-Kumitat Elettorali li tbatlu minn eks membri tal-Kunsill Leġiżlattiv maħtura għall-gvern. Din kienet ir-raba' elezzjoni każwali skont il-prinċipju tal-“patrijotti li jiġġestixxu lil Hong Kong” stabbilit mir-riforma elettorali tal-2021. Il-bażi elettorali kienet tikkonsisti minn 1 441 persuna. Ir-rata ta' parteċipazzjoni elettorali kienet ta' 90,7 %. L-ebda membru tal-kamp favur id-demokrazija ma pparteċipa fl-elezzjoni.

Hong Kong waqa' tliet postijiet fl-**indiċi tad-demokrazija globali** tal-Economist Group, li jikklassifikaha fit-88 post fost 167 pajjiż u territorju. L-ispazju għall-gruppi politiċi favur id-demokrazija naqas. F'Diċembru, il-president tal-Partit Ċiviku, li darba kien it-tieni l-akbar parti fil-Kunsill Leġiżlattiv, ħabbar li l-partit kellu jxolji.

L-impatt tal-pandemija tal-COVID-19

Fil-bidu tas-sena, il-gvern **saħħaħ il-miżuri** biex irażżan il-ħames mewġa tat-tifqigħa tal-COVID-19, billi implimenta kwarantina ta' tliet ġimgħat fil-lukandi għall-vjaġġaturi li jkunu deħlin, mekkaniżmu strett ta' sospensjoni tat-titjriet, u l-projbizzjoni fuq it-tranżitu li tkopri aktar minn 100 pajjiż u territorju, inkluża Franza, u b'hekk Hong Kong ġie iżolat mill-bqija tad-dinja. Inbnew faċilitajiet kbar ta' iżolament b'kapaċità totali ta' 40 000 sodda, hekk kif l-awtoritajiet wiegħdu li jimplementaw “politika dinamika ta' zero COVID”, simili għal dik taċ-Ċina kontinentali. Ġew introdotti ttestjar u lockdowns obligatorji lokali. Kien hemm każijiet ta' separazzjoni ta' tfal żgħar inklużi t-trabi minn mal-ġenituri tagħhom. Il-Gvern applika miżuri stretti ta' tbeġħid soċjali inkluż l-edukazzjoni online u r-restrizzjonijiet fuq ir-ristoranti, filwaqt li ċ-ċentri sportivi, iċ-ċinemas u l-ispazji pubbliċi għalqu.

L-Uffiċċju tal-UE kiteb diversi ittri lill-gvern fejn esprima tħassib dwar l-impatt ta' dawn il-politiki, peress li kien stmat li madwar 10 % taċ-ċittadini tal-UE residenti f' Hong Kong kienu telqu minħabba l-politiki stretti.

Il-Gvern ċentrali pprovda gwida fil-ġlieda kontra l-pandemija li indikat li kienet kwistjoni ta' sigurtà nazzjonali. Fis-16 ta' Frar, il-media kkwotat lil Xi Jinping fil-kapaċità tiegħu ta' Segretarju Ġenerali tal-Partit Komunista taċ-Ċina, fejn ta

struzzjonijiet lill-mexxejja ta' Hong Kong biex il-kontroll tal-pandemija jkun il-prijorità prevalenti tagħhom. Il-Gvern ta' Hong Kong waqqaf ħames task forces mal-gvern ċentrali. Il-gvern lokali invoka l-Ordinanza tar-Regolamenti ta' Emerġenza biex jippermetti li l-professjonisti mediċi Ċinzi kontinentali jittrattaw il-pazjenti bil-COVID-19 mingħajr ma japplikaw għal liċenzja lokali, u ppermetta li mediċina Ċinza kontinentali taqbeż il-mekkaniżmu ta' reġistrazzjoni lokali.

Wara l-1 ta' Lulju l-gvern gradwalment neħħa r-restrizzjonijiet għall-vjaġġi 'l ġewwa u l-mekkaniżmu ta' sospensjoni tat-titjiriet, u naqqas it-tul tal-kwarantina obligatorja fil-lukandi. F'Ottubru, l-iżolament ċentralizzat fil-lukandi għall-vjaġġaturi li jkunu deħlin ġie sostitwit bi kwarantina fid-dar. Sa tmiem is-sena, il-miżuri li jinkludu s-sorveljanza medika u t-testijiet tal-COVID-19 baqgħu fis-seħħ. Il-limitu ta' nies f'ġemgħa pubblika żdied għal 12, minn erbgħa.

L-implimentazzjoni tal-liġijiet dwar is-sigurtà nazzjonali

L-aġenziji tal-infurzar tal-liġi komplew jagħmlu arresti għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali. Skont l-Uffiċċju tas-Sigurtà, 236 persuna ġew arrestati permezz tal-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali mill-31 ta' Diċembru 2022¹⁰. L-awtoritajiet għamlu akkużi kontra 145 individwu u ħames kumpaniji. Ir-rata ta' kundanna hija ta' 100 %. Is-sentenza massima permezz tal-NSL hija l-għomor il-ħabs.

Bdiet tiġi implimentata d-dimensjoni extraterritorjali tal-NSL. Minn Frar, il-fornituri tas-servizzi tal-internet imblukkaw is-sit web tal-Hong Kong Watch, il-grupp għad-drittijiet tal-bniedem ibbażat fir-Renju Unit. Ix-xahar ta' wara, il-Hong Kong Watch sar l-ewwel grupp barra minn Hong Kong li rċieva twissija mill-pulizija tas-sigurtà nazzjonali. F'Ottubru, is-sit web tal-Hong Kong Democracy Council, il-grupp għad-drittijiet tal-bniedem ibbażat fl-Istati Uniti, ma kienx għadu aċċessibbli minn Hong Kong.

Il-membri tas-soċjetà ċivili barra minn pajjiżhom irċevew twissijiet mill-awtoritajiet. F'April, eks leġiżlatur eżiljat irċieva l-ordni ta' trażżin tal-proprjetà, li tipprojbixxi lilu u lil diversi membri tal-familja milli jittrattaw l-assi tagħhom fil-belt. Kien hemm rapport ta' attivista fl-eżilju li ġiet mwissija li setgħet tiġi arrestata meta tirritorna f'Hong Kong, u li l-familja tagħha ssejthet quddiem il-pulizija għall-interrogazzjoni¹¹.

It-tmien universitajiet iffinanzjati pubblikament ħabbru pjanijiet biex jintroduċu korsijiet dwar is-sigurtà nazzjonali. L-iskejjel sekondarji u primarji rċevew linji gwida biex ineħħu pubblikazzjonijiet li jistgħu jiksru l-NSL. Skola sekondarja ssospendiet 14-il student li ma attendewx iċ-ċerimonja ta' tluġh il-bandiera¹². L-għalliema Ingliżi barranin li jittkellmu bil-lingwa nattiva li jaħdmu fl-iskejjel pubbliċi kellhom jiffirmaw dikjarazzjoni ta' lealtà lejn il-Liġi Bażika.

Il-liġi dwar is-sedizzjoni tal-era kolonjali, li sa Marzu 2020 ma kinitx tintuża, intużat regolarment fl-2022. Madwar kwint tal-arrests magħmulin mill-pulizija tas-sigurtà nazzjonali jsiru skont din il-liġi. Fl-1 ta' Novembru, ċittadin tal-UE ġie arrestat permezz ta' din il-liġi. Fi stadju aktar tard, l-awtoritajiet sostnew li r-raġel kien ċittadin Ċiniż u li, għalhekk, ma ngħatax assistenza konsulari.

L-ordinanza dwar id-*data* personali tal-2021, magħrufa bħala l-liġi "anti-doxxing, ġiet applikata b'mod estensiv. Il-Kummissarju għad-*Data* Personali

¹⁰ <https://www.info.gov.hk/gia/general/202302/14/P2023021400644.htm>

¹¹ <https://www.rfa.org/cantonese/news/htm/hk-relative-11222022024155.html>

¹² <https://www.thestandard.com.hk/breaking-news/section/4/195744/School-suspends-14-students-for-%E2%80%98disrespectful-behavior%E2%80%99-during-national-anthem-and-flag-raising-ceremony>

żvela li minn mindu daħlet fis-seħħ il-liġi f'Ottubru 2021, l-uffiċċju tagħha kien ħareġ aktar minn 770 “avviż ta’ waqfien” lil 14-il pjattaforma tal-media soċjali, u talab it-tneħħija ta’ madwar 3 900 messaġġ¹³.

L-introduzzjoni tal-leġislazzjoni nazzjonali dwar is-sigurtà mħabbra skont l-Artikolu 23 tal-Liġi Bażika ġiet ittardjata. Minbarra l-erba’ reati skont l-NSL, il-leġislazzjoni tal-Artikolu 23 hija mistennija li tipprojbixxi t-tradiment, is-sedizzjoni, is-serq ta’ sigrieti tal-Istat, organizzazzjonijiet jew korpi politiċi barranin li jwettqu attivitajiet politiċi, u organizzazzjonijiet jew korpi politiċi ta’ Hong Kong li jstabilixxu rabtiet ma’ organizzazzjonijiet jew korpi politiċi barranin.

Il-proċedimenti ġudizzjarji

Tkompliet il-proċedura ġudizzjarja skont l-NSL.

Il-proċess tal-massa ta’ 47 leġiżlatur u attivisti li pparteċipaw f’elezzjoni primarja fl-2020 huwa kawża marbuta mal-NSL bl-akbar numru ta’ konvenuti sa issa. Il-proċess formali fil-Qorti Superjuri, li huwa skedat għall-bidu tal-2023, jista’ jidmum xhur. Il-Prosekutur akkuża lil 47 leġiżlatur u attivisti b’ “komplott biex iwettqu sovverżjoni” skont l-NSL; huma jistgħu jeħlu għomrohom il-ħabs. Peress li l-qorti ċaħdet pleġġ lill-biċċa l-kbira tal-konvenuti f’Marzu 2021, ħafna minnhom inżammu f’detenzjoni minn Jannar 2021, f’xi każijiet f’reklużjoni. Dawk li jkun fuq pleġġ iridu jirrispettaw il-kundizzjonijiet stretti, inkluża l-projbizzjoni li jikkellmu mal-media jew mad-diplomatiċi. F’Jannar u f’Marzu, rispettivament, il-qorti rrevokat il-pleġġ ta’ żewġ konvenuti wara li kkonkludiet li l-posts tal-media soċjali tagħhom setgħu jipperikolaw is-sigurtà nazzjonali. Is-Segretarju għall-Ġustizzja wiegħed li jindirizza t-tħassib dwar id-dewmien fil-prosekuzzjoni tal-każ. F’Awwissu, is-Segretarju għall-Ġustizzja ordna lil bord ta’ tliet imħallfin, maħturin skont l-NSL, biex jisimgħu l-kawża, minflok ma jagħtu proċess bil-ġurija, filwaqt li jinvolwaw l-involvement ta’ elementi barranin u s-sikurezza personali tal-ġurati u tal-membri tal-familja tagħhom.

Żewġ kawżi kontra **l-Alleanza ta’ Hong Kong b’Appoġġ għall-Movimenti Demokratiċi Patrijotiċi taċ-Ċina** (l-“Alleanza”) bdew l-istadju tal-proċess fl-2022. Il-grupp organizza t-tishir bix-xemgħat anwali biex jikkommemora l-massakru ta’ Tiananmen. L-Eks Viċi President tal-Alleanza, Chow Hang-tung, ilha l-ħabs minn Settembru 2021. F’waħda mill-kawżi, il-prosekutur akkuża lill-Alleanza u lill-membri ewlenin tagħha (Chow Hang-tung, Lee Cheuk-yan, u

¹³ <https://hongkongfp.com/2022/06/14/hong-kong-watchdog-told-14-social-media-sites-to-remove-3900-doxxing-items-in-8-months/>

Albert Ho) b'inċitament għas-sovverżjoni, b'piena massima ta' priġunerija għall-għomor. Il-kawża qiegħda quddiem il-Qorti Superjuri u qed tistenna li tingħata l-konferma finali tal-iskeda tas-smiġh tagħha. It-tliet konvenuti ddikjaraw li ma kinux ħatja. Chow Hang-tung, waħda mill-konvenuti, li qed tiddefendi lilha nnifisha, rebħet il-battalja legali biex tneħħi r-restrizzjonijiet għar-rappurtar¹⁴ f' Awwissu 2022.

Fit-tieni kawża, il-prosekutur akkuża lill-Alleanza li ma kkonformatx ma' talba għal informazzjoni maħruġa mill-pulizija tas-sigurtà nazzjonali f' Awwissu 2021. Matul is-seduta, il-prosekutur akkuża lill-grupp li huwa "aġent barrani" iżda rrifjuta li jidentifika l-pajjiż jew l-entità barranija involuta. Il-Prosekutur skura l-parti l-kbira tal-informazzjoni, u ma ppermettix lit-tliet eks membri tal-kumitat permanenti tal-Alleanza milli jpoġġu l-argumenti tagħhom u jagħmlu l-kontroeżami tax-xhieda fil-qorti. L-imħallef ipprojbixxa lil Chow Hang-tung milli ssejjaħ ir-repressjoni vjolenti tal-1989 il-"massakru ta' Tiananmen". Il-piena massima hija ta' sitt xhur priġunerija.

Fl-14 ta' Diċembru, il-Qorti Superjuri lliberat lil Chow Hang-tung mill-akkuża ta' inċitament biex tinġabar ġemgħa mhux awtorizzata (it-tishir tal-2021 li jfakkar Tiananmen) u rrevokat is-sentenza ta' priġunerija ta' 15-il xahar li ngħatatilha f' Jannar 2021.

Fil-każ tal-NSL u tal-każ ta' sedizzjoni li kien jinvolvi negozjant setgħan tal-media **Jimmy Lai**, sitt eks ġurnalisti tal-Apple Daily sostnew li kienu ħatja filwaqt li Jimmy Lai u t-tliet kumpaniji relatati ma' Apple Daily sostnew li mhumiex ħatja. Il-Prosekutur akkużahom b'"komplott biex iwettqu kollużjoni ma' pajjiż barrani jew ma' elementi esterni biex jipperikolaw is-sigurtà nazzjonali" u "komplott biex jistampaw, jipubblikaw, ibiġġu, joffru għall-bejgħ, jiddistribwixxu, juru u/jew jirriproduċu pubblikazzjonijiet sedizjużi". Il-piena massima hija ta' għomor il-ħabs.

Wara li l-Qorti tal-Appell Finali ddeċidiet li Jimmy Lai seta' jimpjega avukat barrani biex jiddefendih fil-qorti, il-Kap Eżekuttiv John Lee talab lill-Kumitat Permanenti tal-Kungress Nazzjonali tal-Poplu (NPCSC) biex jinterpreta l-NSL, biex jara jekk ir-reklutaġġ ta' avukat barrani jistax imur kontra l- "objettiv" u l- "intenzjoni leġiżlattiva" tal-liġi. Fit-30 ta' Diċembru, l-NPCSC adotta l-interpretazzjoni tal-Artikoli 14 u 47 tal-NSL, fejn iddikjara li f'każijiet ta' sigurtà nazzjonali, il-Kap Eżekuttiv u l-Kumitat għas-Salvagwardja tas-Sigurtà Nazzjonali jistgħu jiddeċiedu jekk konvenut jistax jimpjega avukati barranin¹⁵.

¹⁴ L-Ordinanza tal-Maġistrat ta' Hong Kong tipprojbixxi r-rappurtar dwar proċedimenti ta' akkuża, iżda l-projbizzjoni tista' titneħħa mill-maġistrat fuq talba tal-akkużat.

¹⁵ http://www.news.cn/2022-12/30/c_1129245755.htm

Din kienet l-ewwel interpretazzjoni tal-NSL mill-NPCSC. Irrispettivament mill-każ speċifiku ta' Jimmy Lai, din l-interpretazzjoni tal-NSL tagħti lill-Kap Eżekuttiv u lill-Kumitat għas-Salvagwardja tas-Sigurtà Nazzjonali s-setgħat li jieħdu deċiżjonijiet dwar kawżi individwali tal-qorti mingħajr il-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni permezz ta' sħarriġ ġudizzjarju. Dan jista' potenzjalment idgħajjef l-indipendenza tal-ġudikatura u b'hekk jaffettwa l-fiduċja fl-istat tad-dritt. Il-proċess ta' Jimmy Lai ġie pospost għall-25 ta' Settembru 2023 peress li l-gvern qed jemenda l-Ordinanza tal-Professjonisti Legali wara s-sentenza tal-NPCSC.

F'każ separat, il-Qorti Distrettwali ddeċidiet li Jimmy Lai kiser it-termini tal-kiri tal-kwartieri ġenerali tal-kumpanija tal-media tiegħu billi ħeba d-ditta ta' konsulenza li topera fl-istess post¹⁶. L-imħallef ikkundanna lil Jimmy Lai għal ħames snin u disa' xhur ħabs, u mmultah HKD 2 miljun (EUR 241 570)¹⁷.

Il-każ tas-**612 Humanitarian Relief Fund** (il-“Fond”) kien jinvolvi l-eks leġiżlatur Cyd Ho, il-kantanta Denise Ho, l-akkademiku Hui Po-keung, l-avukata Margaret Ng, il-Kardinal Joseph Zen ta' 92 sena, u s-segretarju tal-Fond Sze Ching-wee. Huma ġew arrestati bejn l-10 u t-12 ta' Mejju. Fiż-żmien tal-arrest tiegħu, Hui kien qed jitlaq mill-belt biex jgħallem f'università fl-UE.

Il-Fond, stabbilit f'Ġunju 2019, ipprovda għajnuna finanzjarja lil dawk li weġġgħu jew ġew arrestati waqt il-protesti tal-2019. Waqaf jopera f'Ottubru 2021 wara li l-pulizija tas-sigurtà nazzjonali ddikjarat li kien is-suġġett ta' investigazzjoni. Il-Vatikan iddikjara li qed “isegwi l-iżvilupp tas-sitwazzjoni b'attenzjoni estrema”¹⁸. Il-Qorti ddeċidiet li l-fiduċjarji tal-Fond kienu naqsu milli japplikaw għar-reġistrazzjoni jew għall-eżenzjoni mir-reġistrazzjoni fiż-żmien speċifikat, reat b'piena massima ta' HKD 10 000 (EUR 1 269). Il-ħames fiduċjarji rċevew multa ta' HKD 4 000 (EUR 490) kull wieħed, filwaqt li s-segretarju kellu jħallas HKD 2 500 (EUR 305). Il-ħames fiduċjarji ppreżentaw appell.

L-assi ta' **Spark Alliance**, pjattaforma oħra li pprovdiet għajnuna finanzjarja waqt il-protesti tal-2019, ġew ikkonfiskati. Il-Qorti Suprema approvat is-sekwestru ta' HKD 70 milljun (EUR 8,89 miljun) ta' “rikavat minn attività kriminali.” Il-pulizija akkużat lill-arrestati li kienu qed jużaw il-fondi għal skopijiet differenti minn dawk iddikjarati¹⁹.

¹⁶ https://legalref.judiciary.hk/doc/judg/html/vetted/other/ch/2021/DCCC000349_2021_files/DCCC000349_2021ES.htm

¹⁷ https://legalref.judiciary.hk/doc/judg/html/vetted/other/ch/2021/DCCC000349A_2021_files/DCCC000349A_2021ES.htm

¹⁸ <https://www.vaticannews.va/en/pope/news/2022-05/cardinal-zen-arrested-in-hong-kong-holy-see-expresses-concern.html>

¹⁹ [https://www.thestandard.com.hk/breaking-news/section/4/195125/HK\\$70m-confiscated-from-fundraising-platform-for-HK-protesters](https://www.thestandard.com.hk/breaking-news/section/4/195125/HK$70m-confiscated-from-fundraising-platform-for-HK-protesters)

Matul is-sena ngħatat ukoll l-ewwel **sentenza lil minorenni** permezz tal-NSL, li “allarmat” lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem²⁰. F'Ottubru, il-qorti kkundannat erba' adolexxenti ta' bejn is-16 u d-19-il sena għal detenzjoni ta' sa 3 snin l-aktar f'faċilità korrettiva. L-erba' ddikjaraw ruhom haġja f'komplott li jinċita s-sovverżjoni.

Fit-30 ta' Marzu, il-President tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit Lord Reed, u l-kollega tiegħu Lord Hodge, ippreżentaw ir-riżenji tagħhom bħala mħallfin mhux permanenti tal-Qorti tal-Appell Finali ta' Hong Kong. Lord Reed iddikjara li “l-imħallfin tal-Qorti Suprema ma jistgħux jibqgħu jservu l-qorti f'Hong Kong mingħajr ma jidhru li qegħdin japprovaw amministrazzjoni li tbiegħdet mill-valuri tal-libertà politika, u l-libertà tal-espressjoni, li għalihom l-Imħallfin tal-Qorti Suprema huma impenjati profondament”. Għaxar imħallfin barranin komplew jippresjedu fil-Qorti tal-Appell Finali. Kollha kemm huma rtiraw mill-pożizzjonijiet uffiċjali tagħhom.

Rispons internazzjonali

Fit-28 ta' Mejju, **il-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem** Michelle Bachelet għamlet dikjarazzjoni wara ż-żjara uffiċjali tagħha fiċ-Ċina. Hija appellat lill-gvern biex “irawwem u mhux joħnoq” il-potenzjal tremend tas-soċjetà ċivili u l-akkademiċi f'Hong Kong biex jgħinu fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-SAR u lil hinn minnu. Hija esprimiet it-tħassib tagħha dwar l-arrest ta' avukati, attivisti, ġurnalisti u nies oħrajn permezz tal-NSL²¹.

F'Lulju, **il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti** fir-raba' rieżami perjodiku tiegħu permezz tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Poliċi f'Hong Kong appella lil Hong Kong biex “iħassar il-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali attwali u biex fl-istess ħin iżomm lura milli japplika l-Liġi”. Il-Kumitat enfasizza t-tħassib dwar in-nuqqas ta' ċarezza dwar il-kunċett ta' “sigurtà nazzjonali” u l-possibbiltà li l-każijiet jiġu trasferiti minn Hong Kong għaċ-Ċina kontinentali (li mhijiex Stat parti fil-Patt) għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess u l-eżekuzzjoni ta' pjeni. Il-Kumitat ħeġġeġ ukoll lill-awtoritajiet biex jirrevokaw ir-regoli ta' sedizzjoni u joqogħdu lura milli jużaw l-NSL biex irażżnu l-espressjoni ta' opinjonijiet kritiċi u kuntrarji. Dwar il-possibbiltà li tiġi ppromulgata leġislazzjoni ġdida dwar is-sigurtà nazzjonali skont l-Artikolu 23 tal-Liġi Bażika, il-Kumitat ħeġġeġ lil Hong Kong biex

²⁰ <https://www.ohchr.org/en/press-briefing-notes/2022/10/alarm-sentencing-under-national-security-law>

²¹ <https://www.ohchr.org/en/statements/2022/05/statement-un-high-commissioner-human-rights-michelle-bachelet-after-official>

jiżgura li l-proċess leġiżlattiv ikun “inklużiv u trasparenti, li jiffaċilita l-parteċipazzjoni libera, miftuħa u sinifikanti tas-soċjetà ċivili u tal-pubbliku”.

Drittijiet, libertajiet u opportunitajiet indaqs

L-NSL kellha impatt negattiv fuq partijiet importanti tal-komunità legali. Diversi avukati magħrufin li jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-president preċedenti tal-**Kamra tal-Avukati**, telqu wara li ssejħu għal-laqgħat mal-pulizija tas-sigurtà nazzjonali jew wara li ġew identifikati f’media li hija favur Beijing. F’Marzu, il-Kap Eżekuttiv Carrie Lam ħatret il-president tal-Kamra tal-Avukati fil-Kummissjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Uffiċjali Ġudizzjarji minflok in-nominat ta’ żaqqu f’fommu ssuġġerit mill-Kamra tal-Avukati. Ġew eletti kandidati inqas kritiċi fil-kunsill governattiv tas-**Soċjetà tal-Liġi**, il-korp tal-avukati ta’ Hong Kong li qabel kien vokali, li jagħmel rakkomandazzjonijiet legali lill-gvern. Avukat prominenti tad-drittijiet tal-bniedem tilef postu fil-korp.

Il-libertà tal-ġmigħ kompliet tiġi aktar mhedda. L-organizzaturi ta’ manifestazzjonijiet iridu jiksbu mingħand il-pulizija “ittra li ma hemmx oġġezzjonijiet” jekk aktar minn 50 persuna jattendu. Għad-dimostrazzjonijiet, dan il-limitu huwa stabbilit għal 30 persuna. Mill-2020 ’l hawn, ġemgħat ta’ aktar minn erba’ persuni – xi kultant tnejn – ġew ipprojbiti minħabba l-COVID-19. F’Marzu, f’it individwi li attendew protesta żgħira li fakkret l-ewwel xahar tal-gwerra ta’ aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna ġew immultati talli ltaqgħu fi gruppi ta’ aktar minn żewġ persuni. Għat-tielet darba konsekuttiva, il-kommemorazzjoni annwali tal-anniversarju tal-massakru ta’ Tiananmen ma setgħetx isseħħ. Uffiċjali tal-pulizija iżolaw il-park u arrestaw sitt persuni.

Il-libertà akkademika ġiet taħt pressjoni peress li xi mezzi tax-xandir identifikaw akkademiċi u kkritikaw il-ħidma ta’ riċerka tagħhom abbażi tal-pożizzjonijiet politiċi perċepiti tagħhom, u ġiegħlu lil xi wħud minnhom jitolqu mill-pożizzjoni tagħhom. F’każ wieħed, il-gvern irrifjuta applikazzjoni għall-viża ta’ riċerkatur barrani u la l-akkademiku u lanqas l-iskola ma ġew infurmati uffiċjalment dwar ir-raġunijiet għal dan ir-rifjut. L-akkademiċi fil-qasam tax-xjenzi politiċi ddeċidew li jipposponu riċerka sensittiva. Diversi universitajiet għalqu d-dipartimenti tax-xjenza politika tagħhom, u għadd ta’ klassijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem m’għadhomx inklużi fil-kurrikuli. L-għadd ta’ studenti u riċerkaturi mill-UE f’Hong Kong naqas.

Il-libertà ta’ assoċjazzjoni u li jiġu ffurmati t-trade unions għandhom aktar restrizzjonijiet. Minn Settembru ’l hawn, it-trade unions iridu jiffirmaw wegħda li jimpenjaw ruħhom li ma jipperikolawx is-sigurtà nazzjonali. Il-Kunsill Leġiżlattiv approva l-ħolqien ta’ kariga ddedikata ta’ Uffiċjal Kap tax-Xogħol

fid-Dipartiment tax-Xogħol biex tissaħħaħ ir-regolamentazzjoni tat-trade unions. Id-dmirijiet tal-kariga jinkludu l-emendar tal-Ordinanza tat-Trade Unions biex il-persuni kkundannati għal reati marbutin mas-sigurtà nazzjonali jiġu pprojbiti milli jsiru uffiċjali ta' trade unions, u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet edukattivi dwar is-sigurtà nazzjonali għat-trade unions²².

Il-Monitur tad-Drittijiet tax-Xogħol ta' Hong Kong irrapporta li mill-inqas 62 union sfaw xolti u 11-il organizzatur tal-unions kienu ġew arrestati jew akkużati²³.

L-Assoċjazzjoni tal-Ġurnalisti ta' Hong Kong (Hong Kong Journalists Association, HKJA), l-akbar grupp ta' ġurnalisti f'termini ta' sħubija, irċeviet talba bil-miktub mir-Reġistru tat-Trade Unions taħt id-Dipartiment tax-Xogħol għal spjegazzjoni dwar l-operazzjonijiet tagħha. B'riżultat ta' dan, l-assoċjazzjoni biddlet ir-regoli interni tagħha biex tiffaċilita x-xoljiment tagħha.

Il-libertà tal-istampa kienet taħt pressjoni kontinwa: skont l-istħarriġ annwali tal-HKJA, il-punteġġ tal-libertà tal-istampa li jirrappreżenta l-fehmiet tal-ħaddiema tal-media kien ta' 26,2, li mill-2021 niżel minn 32,1, l-aktar tnaqqis qawwi minn meta l-assoċjazzjoni bdiet l-indici²⁴. Skont il-klassifikazzjoni ta' Reporters Mingħajr Fruntieri, il-libertà tal-istampa ta' Hong Kong waqgħet għal livell baxx rekord, u niżlet 68 post, fil-148 post fost il-180 post²⁵.

Il-President tal-HKJA ffaċċja akkużi li ostakola lill-pulizija u kkawża diżordni pubbliku waqt missjoni ta' rappurtar. Jekk jiġi kkundannat, jista' jeħel is-sentenza massima ta' sentejn ħabs. F'April, il-pulizija tas-sigurtà nazzjonali arrestat ġurnalist veteran skont il-liġi tas-sedizzjoni, fuq akkuża ta' konfossa biex jippubblika materjal sedizjuż.

Stabbilimenti tal-aħbarijiet aktar indipendenti waqqfu l-operazzjonijiet tagħhom. F'Jannar, Citizen News għalqu għax beżgħu għas-sigurtà tal-persunal tagħhom. F'Ġunju, Factwire, servizz tal-aħbarijiet investigattiv waqqaf l-operazzjonijiet tiegħu. MAD Dog Daily, Dare Media HK u Polymer ukoll waqqfu l-operazzjonijiet tagħhom, flimkien mal-programmi Kantonizi ta' Radio Free Asia.

²² <https://www.legco.gov.hk/en/legco-business/committees/financial-proposals-results.html?2022&20220708>

²³ <https://hklabourrights.org/advocacy/hong-kong-trade-union-movement-under-the-national-security-law-two-years-into-the-authoritarian-rule/>

²⁴ <https://hongkongfp.com/2022/09/24/shrinking-news-industry-hong-kong-press-freedom-index-sinks-to-new-low-as-media-outlets-disappear/>

²⁵ <https://rsf.org/en/country/hong-kong>

Il-klabb tal-Korrispondenti Barranin ikkanċella l-Premjazzjoni annwali tiegħu għall-Istampa dwar id-Drittijiet tal-Bniedem minħabba “limiti legali”. Mill-2023, l-Università Statali ta’ Arizona se torganizza l-premjazzjoni.

L-awtoċensura żdiedet: Stazzjon tat-televiżjoni apoloġizza wara li rċieva lmenti li r-reporter “inċita l-mibegħda.” Ir-reporter staqsa lill-uffiċjali tal-gvern dwar il-proċedura għat-trattament tal-ilmenti kontra l-professjonisti mediċi kontinentali li marru Hong Kong biex jgħinu fil-kontroll tal-pandenmija²⁶.

Deċizzjoni tal-Qorti Suprema ppermettiet lill-uffiċjali tal-pulizija biex jaċċessaw materjal ġurnalistiku mażzun fl-ismartphones ta’ konvenut f’kawża marbuta mal-NSL. L-imħallef iddeċieda li l-ħtieġa li jiġu ttrattati r-reati fl-interess pubbliku tissupera l-privileġġ ġurnalistiku²⁷.

Il-Qorti Suprema kkonfermat il-kundanna ta’ ġurnalist li uża l-informazzjoni miksuba minn reġistru pubbliku għal storja investigattiva dwar l-inkwiet soċjali tal-2019. Il-Qorti tal-Appell Finali skodat il-każ għal Jannar 2023.

Il-Gvern għażel il-ġurnalisti li jkopru ċ-ċerimonji tal-1 ta’ Lulju, fejn il-President Xi Jinping ħatar il-Kap Eżekuttiv il-ġdid. Id-dipartiment tas-Servizzi tal-Infurmazzjoni ċaħad it-talbiet ta’ mill-inqas 13-il ġurnalista minn 9 stabbiliment tal-media lokali u internazzjonali.

Il-professjonisti tal-media ffaċċjaw pressjoni hekk kif l-uffiċjali tal-gvern kitbu lil organizzazzjonijiet tal-media lokali u barranin biex jikkundannaw ir-rapporti li deheru li huma kritiċi tal-awtoritajiet²⁸.

Fi Frar, il-Koalizzjoni għal-Libertà tal-Media, li tikkonsisti mill-Istati Uniti, ir-Renju Unit u 19-il pajjiż ieħor, ikkundannat lill-awtoritajiet ta’ Hong Kong u Ċiniżi talli dgħajfu l-libertà tal-istampa²⁹.

Il-liġi tas-sedizzjoni kellha impatt ulterjuri fuq il-**libertà tal-kelma** peress li persuni li jużaw l-internet ġew arrestati permezz tal-liġi wara kummenti li tpoġġew fuq il-media soċjali u l-fora tal-internet. F’każ minnhom, erba’ persuni li jiġġestixxu forum tal-media soċjali fejn l-impjegati taċ-ċivil jesprimu b’mod anonimu l-opinjoni tagħhom ġew arrestati mill-pulizija talli inċitaw is-

²⁶ <https://www.rfa.org/english/news/china/hongkong-media-03182022083215.html>

²⁷ https://legalref.judiciary.hk/lrs/common/search/search_result_detail_frame.jsp?DIS=148078&QS=%2B%7C%28CACV356%2F2022%29&TP=JU

²⁸ <https://www.brandhk.gov.hk/en/media-centre#clarifications>

²⁹ <https://hk.usconsulate.gov/n-2022020801/>

sedizzjoni. Il-pulizija għamlet akkużi kontra mill-inqas persuna waħda. Paġni oħra tal-internet ta' natura simili wkoll għebu³⁰.

F'Ġunju, żewġ nisa ntbagħtu l-ħabs għal sitt xhur u seba' xhur rispettivament, għal posts tal-media soċjali li jopponu l-vaċċini kontra l-COVID-19 u r-regoli kontra l-epidemija³¹. F'Novembru, raġel bl-awtiżmu rċieva sentenza ta' 12-il xahar ħabs talli inċita lil oħrajn biex jieħdu sehem fi ġmigħ illegali u wettaq att b'intenzjoni sedizzjuża³².

Ħames membri tal-kumitat eżekuttiv tal-Union Ġenerali tat-Terapisti tat-Taħdit ta' Hong Kong ingħataw sentenza ta' 19-il xahar ħabs permezz tal-liġi tas-sedizzjoni minħabba “konfossa biex jistampaw, jipubblikaw, jiddistribwixxu jew juru publikazzjonijiet sedizzjużi³³”. Skont is-sentenza, il-kotba illustrati ppubblikati mill-konvenuti kienu jikkostitwixxu “effettivament eżerċizzju ta' ħasil il-moħħ bi tfal ta' erba' snin u iktar³⁴”. Il-Human Rights Watch qalet li l-gvern ta' Hong Kong “seta' rregolarizza l-liġi tas-sedizzjoni fl-arsenal legali tiegħu biex jippenalizza reati żgħar tad-diskors³⁵”.

Żewġ eks edituri ta' Stand News, pjattaforma tal-aħbarijiet xolta, flimkien mal-kumpanija prinċipali ta' Stand News Best Pencil, ġew akkużati b'sedizzjoni. Il-Qorti ddeċidiet li proċess ġust kien possibbli minkejja li l-prosekuturi naqsu milli jagħtu l-evidenza kollha miġbura waqt l-investigazzjoni³⁶.

LGBTIQ+

Il-Qorti tal-Appell ċaħdet offerta minn attivist **LGBTIQ+** biex jirrikonoxxi żwiġijiet bejn persuni tal-istess sess irreġistrati barra mill-pajjiż³⁷. Il-Qorti qalet li r-rikonoxximent tagħhom ikun “manifestament kuntrarju għall-intenzjoni tal-abbozzaturi tal-Liġi Bażika”. Il-każ jinsab fil-Qorti tal-Appell Finali³⁸.

Il-Qorti tat ukoll permess lil żewġ irġiel transġeneru biex jappellaw fil-Qorti tal-Appell Finali kontra l-politika tal-gvern li tippermetti biss li persuna transġeneru

³⁰ <https://www.thestandard.com.hk/section-news/section/4/244475/Four-civil-servants-held-for-social-media-'sedition'>

³¹ <https://www.scmp.com/news/hong-kong/law-and-crime/article/3183395/taiwanese-drinks-shop-owners-jailed-7-months-over>

³² https://legalref.judiciary.hk/doc/judg/html/vetted/other/ch/2022/DCCC000354A_2022_files/DCCC000354A_2022ES.htm

³³ https://legalref.judiciary.hk/lrs/common/search/search_result_detail_frame.jsp?DIS=147148&QS=%2B%7C%28DCCC854%2F2021%29&TP=RS

³⁴ https://legalref.judiciary.hk/lrs/common/search/search_result_detail_frame.jsp?DIS=147148&QS=%2B%7C%28DCCC854%2F2021%29&TP=RS

³⁵ <https://www.hrw.org/news/2022/09/07/hong-kong-childrens-book-authors-convicted-0>

³⁶ <https://hongkongfp.com/2022/12/22/hong-kong-court-rejects-bid-by-former-stand-news-editors-to-terminate-trial/>

³⁷ https://legalref.judiciary.hk/lrs/common/search/search_result_detail_frame.jsp?DIS=146704&QS=%2B%7C%28CACV557%2F2020%29&TP=JU

³⁸ https://legalref.judiciary.hk/lrs/common/search/search_result_detail_frame.jsp?DIS=148605&QS=%2B%7C%28CACV557%2F2020%29&TP=JU

tibdel il-ġeneru fuq id-dokument tal-identità tagħha wara li tkun lestiet il-kirurġija kollha ta' riassenjament tal-generu³⁹. Il-Qorti tal-Appell kienet diġà ddeċidiet kontra ż-żewġ rikorrenti⁴⁰.

Adolexxent b' disforja tas-sessi lmentata mal-Kummissjoni għall-Opportunitajiet Indaq f' Lulju, fejn afferma li l-projbizzjoni fl-iskejjel fuq subien b' xagħar twil kienet diskriminatorja u kisret l-Ordinanza dwar id-Diskriminazzjoni Sesswali⁴¹. F' Settembru, il-Kummissjoni għall-Opportunitajiet Indaq organizzat medjazzjoni bejn l-adolexxenti u l-iskola.

Minħabba r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u r-restrizzjonijiet soċjali tal-COVID-19, l-organizzaturi ta' the Gay Games iddeċidew li jospitaw flimkien il-logħob mal-Messiku fl-2023 peress li l-avveniment ġie pospost fl-2022. L-avvenimnet Pride ma setax jiġi organizzat għat-tielet sena konsekuttiva.

Ħaddiema domestiċi barranin

Ir-restrizzjonijiet tal-pandemija affettwaw lill-ħaddiema domestiċi, u d-diskriminazzjoni żdiedet. Ġew irrapportati każijiet ta' assistenti domestiċi li ma tħallewx jitolqu mid-djar ta' min iħaddimhom waqt id-diversi mewġiet tal-pandemija⁴² u ta' assistenti li ma tħallewx jirritornaw lejn id-djar ta' min iħaddimhom minħabba l-biża' li jikkontaminawhom⁴³. B' mod aktar ġenerali, għadhom qed jiġu rrapportati każijiet ta' abbuż fuq ħaddiema domestiċi.

F' Settembru, l-awtoritajiet żiedu l-pagi tal-assistenti domestiċi⁴⁴, li kienu ffriżati għal sentejn. Huma implimentaw ukoll miżuri biex jiskoraġġixxu lill-ħaddiema domestiċi milli jibdlu l-impjegatur sabiex ma jkunux jistgħu "jieħdu vantaġġ" min-nuqqas ta' ħaddiema kkawżat mid-diffikultajiet biex jidħlu f' Hong Kong minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija. Il-ħaddiema domestiċi ma setgħux iżuru l-familji tagħhom barra mill-pajjiż minħabba r-restrizzjonijiet u kienu l-mira ta' miżuri speċifiċi ta' kwarantina meta jidħlu fit-territorju. Il-ħaddiema domestiċi ma kinux inklużi fl-iskemi ta' bonus imfassla mill-gvern biex jappoġġaw l-ekonomija.

It-traffikar tal-bnedmin

³⁹ https://legalref.judiciary.hk/lrs/common/search/search_result_detail_frame.jsp?DIS=144139&QS=%2B%7C%28CACV183%2F2019%29&TP=JU

⁴⁰ https://legalref.judiciary.hk/lrs/common/ju/ju_frame.jsp?DIS=142010&currpage=T

⁴¹ <https://www.scmp.com/news/hong-kong/society/article/3185931/hong-kong-teen-challenging-school-policy-long-hair-boys>

⁴² <https://theinitium.com/article/20220225-hongkong-domestic-workers-who-caught-the-covid19-virus/>

⁴³ <https://www.scmp.com/yp/discover/news/hong-kong/article/3177657/no-home-away-home-domestic-workers-terminated-after>

⁴⁴ <https://www.info.gov.hk/gia/general/202209/30/P2022093000326.htm?fontSize=1>

F'Lulju, l-Istati Uniti qiegħdu lil Hong Kong fil-Livell 2 fil-Lista ta' Pajjiżi taħt Osservazzjoni għat-tielet sena konsekuttiva. L-Istati Uniti qalu li Hong Kong ma laħaqx l-istandards minimi biex jelimina t-traffikar għalkemm kien qed jagħmel "sforzi sinifikanti". L-Istati Uniti appellaw biex tiġi ppromulgata leġislazzjoni li tikkriminalizza bis-siġh il-forom kollha ta' traffikar.

F'Diċembru, il-gvern issikka l-politika għat-tneħħija ta' rikorrenti ta' non-refoulement⁴⁵. Id-Dipartiment tal-Immigrazzjoni jista' jkeċċi lir-rikorrenti li jkunu qed jistennew sentenzi tal-qorti ladarba l-qorti tiċħad ir-rikors tagħhom għal rimedju għodidjarju. Huwa stmat li 1 200 persuna jistgħu jiffaċċjaw it-tneħħija immedjata. L-avukati tad-drittijiet tal-bniedem iddispjaciom għannuqqas ta' konsultazzjoni ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi, gruppi tas-soċjetà ċivili, akkademiċi, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati f'Hong Kong, u l-professjoni legali.

II. Żviluppi ekonomiċi

Hong Kong għandu ekonomija ferm miftuħa (il-kummerċ fil-merkanzija huwa aktar minn 300 % tal-PDG). Hija l-ħames l-akbar ekonomija kummerċjali fid-dinja (2021)⁴⁶ u t-tielet destinazzjoni fid-dinja għall-flussi tal-investment (2021). Huwa s-seba' l-akbar sors ta' investimenti globalment⁴⁷.

Hong Kong kompla jeżerċita awtorità indipendenti fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali, billi stabbilixxa politika monetarja b'mod awtonomu miċ-Ċina kontinentali u pparteċipa f'ismu f'ħafna organizzazzjonijiet internazzjonali u korpi multilaterali. Dawn l-organizzazzjonijiet jinkludu t-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Hong Kong baqa' wkoll ġurisdizzjoni legali separata miċ-Ċina kontinentali, speċjalment dwar il-politika ekonomika. Huwa żamm munita separata ħielsa minn restrizzjonijiet kapitali, kif ukoll strutturi regolatorji separati biex jissorvelja kumpaniji li joperaw fit-territorju. It-treġġiġh lura tat-talent u tal-kumpaniji lejn Hong Kong u t-tiħiħ tal-integrazzjoni ekonomika maċ-Ċina kontinentali kienu fost il-prijoritajiet ewlenin tal-gvern.

⁴⁵ <https://www.scmp.com/news/hong-kong/law-and-crime/article/3202303/new-get-tough-policy-refugee-appeals-against-deportation-orders-comes-force-hong-kong>

⁴⁶ *World Trade Statistical Review 2022 (ir-Rieżami Statistiku tal-2022 dwar il-Kummerċ Dinji)*, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, https://www.wto.org/english/res_e/publications_e/wtsr_2022_e.htm.

⁴⁷ *World Investment Report 2022 (ir-Rapport tal-2022 dwar l-Investment Dinji)*, il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp, <https://unctad.org/publication/world-investment-report-2022>.

Dwar il-finanzi, Hong Kong għadu wieħed mill-akbar swieq kapitali fid-dinja u baqa' konness mas-suq finanzjarju Ċiniż.

Hong Kong baqa' **t-tielet l-akbar destinazzjoni ta' investiment fid-dinja għall-investiment barrani** fl-2021 skont ir-Rapport tal-2022 dwar l-Investiment Dinji tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp, (Ġunju)⁴⁸. Madankollu, il-kumpaniji barranin naqqsu l-preżenza tagħhom, u t-talent barrani u lokali telaq, prinċipalment minħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID-19. B'riżultat ta' dan il-popolazzjoni naqset b'121 500 – jew 1,6 % sena wara sena – minn Ġunju 2022 (b'95 000 minħabba l-ħruġ nett ta' residenti u b'26 500 peress li l-għadd ta' mwiet qabeż dak tat-twelid)⁴⁹.

L-ekonomija ta' Hong Kong daħlet f'riċessjoni fl-2022. Wara li kibret b'6,3% fl-2021, ċkienet bi 3,3 % sena wara sena⁵⁰ fl-ewwel disa' xhur tal-2022. L-industrija finanzjarja u l-industrija tal-kummerċ u tal-loġistika – li kellhom prestazzjoni tajba fl-2021 – tul is-sena sabu xi jxekkilmhom. Barra minn hekk, l-industriji dipendenti fuq it-turiżmu komplew jagħtu prestazzjoni baxxa minħabba n-nuqqas ta' turisti. L-ekonomija ta' Hong Kong **għad trid terġa' lura għal-livell tagħha tal-2018** (ta' qabel il-pandemija u ta' qabel il-protesti tal-2019).

L-inflazzjoni baqgħet moderata, b'żieda annwali ta' 1,9 % fl-indiċi tal-prezzijiet tal-konsumatur fl-ewwel 10 xhur tas-sena⁵¹.

Is-suq tax-xogħol kien stabbli. Il-qgħad tela' l-aktar għal 5,4 % f'April qabel ma naqas gradwalment għal 3,8 % f'Ottubru 2022 (eqreb lejn it-3,9 % irreġistrat fil-bidu tas-sena)⁵². Fl-ewwel 10 xhur tal-2022 kien bħala medja 4,5 %, jiġifieri titjib meta mqabbel ma' 5,2 % fl-2021, iżda oġhla mill-medda ta' 3 % ta' qabel il-kriżi tal-COVID-19.

Is-settur tal-kummerċ u tal-loġistika ċkienu. Dan is-settur jammonta għal madwar 20 % tal-PDG ta' Hong Kong u kkontribwixxa għall-irkupru

⁴⁸ *Ir-rapport tal-2022 dwar l-Investiment Dinji li jimmonitorja x-xejriet tal-investiment globali u reġjonali u l-iżvilupp tal-politika nazzjonali u internazzjonali*, il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp, id-9 ta' Ġunju 2022, disponibbli fuq: <https://unctad.org/webflyer/world-investment-report-2022>.

⁴⁹ Stqarrija għall-istampa: *Il-popolazzjoni f'nofs is-sena għall-2022*, il-11 ta' Awwissu 2022, id-Dipartiment taċ-Ċensiment u l-Istatistika tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong, disponibbli fuq: https://www.censtatd.gov.hk/en/press_release_detail.html?id=5078.

⁵⁰ *Stimi bil-quddiem dwar il-Prodott Domestiku Gross għat-tielet trimestru tal-2022*, Novembru 2022, id-Dipartiment taċ-Ċensiment u l-Istatistika tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong.

⁵¹ Id-dipartiment taċ-Ċensiment u l-Istatistika tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong, <https://www.censtatd.gov.hk/en/scode270.html#section3>.

⁵² Id-dipartiment taċ-Ċensiment u l-Istatistika tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong, <https://www.censtatd.gov.hk/en/scode200.html#section3>.

ekonomiku fl-2021. Il-PDG mill-industrija tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni naqas b'6,9 % sena wara sena fl-ewwel nofs tal-2022. Dan seħħ hekk kif il-valur tal-kummerċ estern tal-merkanzija ta' Hong Kong naqas b'4,0 % sena wara sena għal HKD 7,97 triljun (EUR 984 biljun)⁵³ fl-ewwel 10 xhur. Is-sitwazzjoni marret għall-aġġar matul is-sena, u l-kummerċ estern naqas bi 11,1 % sena sena meta mqabbel mal-perjodu minn Lulju sa Ottubru.

L-industrija finanzjarja (23 % tal-PDG ta' Hong Kong) – il-mutur ewlieni tat-tkabbir f'dawn l-aħħar snin – naqas sew fl-ewwel nofs tal-2022 u kiber biss b'0,8 % sena wara sena⁵⁴.

L-għadd ta' **offerti pubbliċi inizjali (initial public offerings, IPOs)** naqas għal 69 fl-ewwel 11-il xahar minn 83 fl-istess perjodu fl-2021, u l-ammont miġbur mill-IPOs naqas b'70,6 % sena wara sena għal HKD 87,8 biljun (EUR 10,8 biljun). Fl-2021, il-belt kienet ir-raba' l-akbar ċentru dinji għall-IPOs, wara li kklassifikat fit-tieni post fl-2020 u l-ewwel fl-2019.

Sa mill-bidu tas-sena, l-**Indiċi Hang Seng ta' Hong Kong** tilef 15,8 % tal-valur tiegħu (mit-13 ta' Diċembru), u l-**kapitalizzazzjoni tas-suq** fil-Borża ta' Hong Kong naqset b'21,4 % għal HKD 33,3 triljun (EUR 4.1 triljun). Sa tmiem Settembru 2022, Hong Kong kien is-seba' l-akbar suq azzjonarju fid-dinja u r-raba' l-akbar suq azzjonarju fl-Asja skont il-kapitalizzazzjoni tas-suq, kif ukoll l-akbar ċentru kummerċjali offshore fir-Renminbi. Il-Fatturat medju ta' kuljum tas-suq naqas b'27,7% sena wara sena għal HKD 124 biljun (EUR 15,3 biljun) fl-ewwel 11-il xahar⁵⁵.

It-tnaqqis fil-kapitalizzazzjoni tas-suq u l-IPOs kien dovut għal taħlita ta' ostakli globali u reġjonali. Dawn kienu jinkludu: (i) iż-żieda fl-inflazzjoni u l-issikkar tal-politiki monetarji; (ii) it-tidgħjif tal-ekonomija globali u t-tensjonijiet ġeopolitiċi; (iii) u l-inkwiet dwar l-ekonomija Ċiniża u l-“politika dinamika ta' żero COVID”, speċjalment peress li l-kumpaniji Ċinzi kontinentali jiddominaw il-kapitalizzazzjoni tas-suq azzjonarju ta' Hong Kong.

L-industriji li jiddependu fuq l-infiq turistiku (settur tal-bejgħ bl-imnut, tal-ikel u x-xorb, it-trasport, l-ivvjaġġar, l-ospitalità) kienu għadhom batuti

⁵³ Ir-rata tal-kambju minn Diċembru 2022 ta' 1 EUR = HKD 8,0965.

⁵⁴ Il-kejl tal-volumi konkatenati tal-PDG skont l-attività ekonomika – f'dollari konkatenati (2019), id-Dipartiment ta' Ċensiment u l-Istatistika tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong, https://www.censtatd.gov.hk/en/web_table.html?id=310-34501.

⁵⁵ Ir-rapport tal-FMI. *Detailed Assessment of Observance on Principles for Financial market Infrastructures for the People's Republic of China (Il-Valutazzjoni Ddettaljata tal-Osservanza dwar il-Prinċipji għall-Infrastrutturi tas-Swieq Finanzjarji għar-Repubblika tal-Poplu ta' Ċina)* – ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong, ir-Rapport tal-Pajjiż Nru 21/122, il-15 ta' Ġunju 2021, disponibbli fuq: <https://www.imf.org/en/Publications/CR/Issues/2021/06/15/Peoples-Republic-of-ChinaHong-Kong-Special-Administrative-Region-Financial-Sector-460761>.

minħabba li l-illaxkar tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar lejn tmiem is-sena ma wassalx għal żieda sinifikanti fil-flussi turistiċi. Fl-ewwel 10 xhur tal-2022, Hong Kong laqa' biss 330 223 viżitatur⁵⁶, inqas minn 1 % tal-65 miljun viżitatur tal-2018 (78 % minnhom kienu Ċiniżi kontinentali, li jammontaw għal madwar 40 % tal-bejgħ bl-imnut tal-belt). Fl-ewwel nofs tal-2022, il-PDG mill-**industriji tal-akkomodazzjoni u tas-servizzi tal-ikel** u mill-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut naqas b' 16,7 % u 7,1 % sena wara sena rispettivament. Il-kontribuzzjoni tagħhom għall-PDG kienet tirrappreżenta biss 46 % u 41 % tal-livell osservat fl-ewwel nofs tal-2018, rispettivament. Fl-ewwel 10 xhur tal-2022, il-bejgħ bl-imnut naqas b'0,7 % sena wara sena għal HKD 286,8 biljun (EUR 35,4 biljun). Fl-ewwel 9 xhur, id-dħul mir-ristoranti naqas b'9,2 % sena wara sena għal HKD 61,3 biljun (EUR 7,6 biljun). It-tnejn kienu bejn wiehded u ieħor 30 % taħt il-livell irregjstrat fl-2018. Ir-rata ta' okkupanza tal-lukandi kienet ta' 65 % (vs 61 % fl-2021 u 91 % fl-2018) minħabba l-kwarantina obbligatorja.

Bl-istess mod, l-**industrija tal-avjazzjoni** u l-industriji relatati ffaċċjaw ambjent diffiċli. L-għadd ta' titjiriet fl-Ajruport Internazzjonali ta' Hong Kong naqas b'5,3 % sena wara sena fl-ewwel 10 xhur għal 30 % biss tal-livell osservat fl-2018. L-għadd ta' passiġġieri żdied għal tliet miljuni (minn miljun fl-ewwel 10 xhur tal-2021), iżda dan kien biss 5 % tal-61,8 miljun passiġġier irregjstrati fl-2018. Il-volum tal-merkanzija bl-ajru naqas b'14 % sena wara sena fil-perjodu ta' żmien għal 84 % tal-livell tal-2018. Għalkemm il-mekkaniżmu ta' sospensjoni tat-titjiriet tneħħa aktar tard fl-2022, ir-restrizzjonijiet fis-seħħ għall-ekwipaġġ tal-ajru għamluha diffiċli biex jiżdied l-għadd tat-titjiriet.

L-**industrija tal-kostruzzjoni** rregjstrat żieda ta' 5,3 % fil-PDG fl-ewwel nofs tas-sena, iżda l-**attivitajiet tal-proprjetà immobbli** naqsu b'6,8 % fl-istess perjodu. Il-prezzijiet tal-proprjetà u l-kirjiet naqsu fl-ewwel disa' xhur, iżda Hong Kong baqa' wiehded mill-aktar bliet għoljin fid-dinja⁵⁷.

L-**Awtorità Monetarja ta' Hong Kong** (HKMA) intervjeniet diversi drabi biex tappoġġa d-dollaru ta' Hong Kong fost ir-rati tal-imgħax li qed jiżdiedu fl-Istati Uniti u l-apprezzament tad-dollaru Amerikan. L-għan kien li jiġi żgurati li r-rata tal-kambju tal-munita ma taqax taħt il-limitu minimu ta' HKD 7,85 tal-HKD 7,75–7,85 għal USD 1 taħt is-Sistema tar-Rata tal-Kambju Marbuta tas-SAR.

⁵⁶ Il-wasliet ta' viżitaturi f'Hong Kong, il-Bord tat-Turiżmu ta' Hong Kong, disponibbli fuq: https://partnernet.hktb.com/en/research_statistics/latest_statistics/index.html.

⁵⁷ Skont l-istudju *Worldwide Cost of Living 2022* ta' The Economist, disponibbli fuq: <https://www.economist.com/graphic-detail/2022/11/30/the-worlds-most-and-least-expensive-cities>.

Matul l-2022, l-HKMA żiedet ir-rata bażi ta' Hong Kong, minn 0,50 % fil-bidu tas-sena għal 4,25 % (fl-aħħar ta' Novembru). L-HKMA għamlet użu wkoll mill-assi ta' riżerva ta' munita barranija tas-SAR, li naqsu minn USD 497 biljun fil-bidu tas-sena għal USD 423 biljun fl-aħħar ta' Novembru.

L-ambjent tan-negozju

Il-politiki tal-COVID-19 kienu t-tħassib ewlieni tal-komunità tan-negozju matul is-sena. L-**iżviluppi politiċi** kellhom ukoll effett negattiv fuq is-sentiment tan-negozju. Dawn l-iżviluppi inkludew riskji għal-libertà tal-informazzjoni, l-implimentazzjoni tal-NSL, il-privatezza tad-*data* u s-sanzjonijiet.

Il-Komunità tan-negozju kienet favur pjan direzzjonali għat-tneħħija sħiħa tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19. Ir-restrizzjonijiet, inkluż l-ittejtjar obligatorju u r-riskju ta' kwarantina għall-ittejtjar pożittiv, baqgħu ostaklu biex jinġiebu lura t-talent u t-turisti. Il-ftuħ parzjali mill-ġdid dgħajjed il-kompetittività ta' Hong Kong bħala post fejn jistgħu jkunu l-kwartieri ġenerali reġjonali. Is-sitwazzjoni gġravat mir-restrizzjonijiet fiċ-Ċina kontinentali (inklużi r-reqwiżiti ta' kwarantina għall-wasliet minn Hong Kong) li affettwaw ir-rwol ta' Hong Kong bħala l-bieb tan-negozju. Minkejja t-tnaqqis tal-miżuri ta' kwarantina f'Settembru, il-wasliet ta' viżitaturi f'Ottubru kienu biss 2,5 % tal-livelli tagħhom ta' qabel il-COVID (Ottubru 2019), u dan fixkel l-irkupru sħiħ.

Stħarriġ annwali ta' kumpaniji barranin f'Hong Kong⁵⁸ indika li mill-1 ta' Ġunju 2022, **l-għadd ta' kumpaniji barranin** (esklużi l-kumpaniji Ċinzi kontinentali) kompli jonqos b'5,2 % meta mqabbel ma' Ġunju 2019 (il-livelli ta' qabel il-COVID) u b'1,5 % meta mqabbel ma' Ġunju 2021. L-għadd ta' kwartieri ġenerali reġjonali barranin naqas b'mod aktar notevoli (bi 12,5 % minn Ġunju 2019 u bi 3,7 % minn Ġunju 2021). Dawn in-numri kkonfermaw l-evidenza aneddotali ta' kumpaniji li naqqsu l-attivitajiet tagħhom f'Hong Kong jew li rrilokaw ruħhom fi bliet oħra fl-Asja. Filwaqt li l-għadd ta' kumpaniji barranin mhux Ċinzi naqas fl-istħarriġ, l-għadd ta' kumpaniji Ċinzi kontinentali f'Hong Kong żdied bi 17,5 % minn Ġunju 2019.

⁵⁸ *Rapport dwar l-Istħarriġ Annwali tal-2022 tal-kumpaniji f'Hong Kong li għandhom il-Kumpaniji Prinċipali barra minn Hong Kong*, id-Dipartiment taċ-Ċensiment u tal-Istatistika tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong, <https://www.censtatd.gov.hk/en/EIndexbySubject.html?pcode=B1110004&scode=360>.

F'dawn l-aħħar sentejn, il-**forza tax-xogħol lokali** naqset b'140 000 (minn Ottubru 2022)⁵⁹ minħabba taħlita ta' emigrazzjoni u ta' impjegati barranin li telqu mill-belt.

Fid-**diskors ta' politika** annwali tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2022, il-Kap Eżekuttiv John Lee ppropona politiki biex jappoġġa u jiżviluppa l-ekonomija. Biex ikompli jiżviluppa lil Hong Kong bħala ċentru tal-innovazzjoni u t-teknoloġija (I&T), John Lee ħabbar il-mira li jattira HKD 10 biljun (EUR 1,2 biljun) ta' investiment fl-innovazzjoni u t-teknoloġija fi żmien 5 snin. L-infrastruttura tal-innovazzjoni u t-teknoloġija tas-SAR se tiġi estiża, u HKD 10 biljun (EUR 1.2 biljun) se jiġu allokat biex jappoġġaw il-kummerċjalizzazzjoni tar-riċerka u l-iżvilupp mill-universitajiet ta' Hong Kong. Il-manifattura ta' valur għoli se tiġi mħeġġa wkoll. Il-pożizzjoni ta' Hong Kong bħala ċentru kummerċjali u loġistiku se tkun appoġġata billi huwa jiffoka fuq il-loġistika u s-servizzi marittimi b'valur miżjud għoli, it-trasport intermodali u billi jiffaċilita l-flussi fuq l-art u transfruntieri mal-kontinent. L-operazzjonijiet fl-ajruport, fejn tnediet it-tielet runway matul is-sena, se jiġu ssimplifikati. Dwar il-kompetittività ta' Hong Kong bħala ċentru finanzjarju, il-miżuri mħabbra kienu jinkludu t-titjib tal-parti lejn in-Nofsinhar tal-iskema Bond Connect⁶⁰, it-tisħiħ tar-rwol ta' Hong Kong bħala l-akbar ċentru kummerċjali tal-yuan Ċiniż fid-dinja, u l-appoġġ għall-industriji tal-assigurazzjoni u tal-ġestjoni tal-assi u tal-ġid (inklużi eżenzjonijiet mit-taxxa biex jiġu attirati aktar family offices lejn Hong Kong). Prijoritajiet oħra jinkludu l-iżvilupp ta' Hong Kong bħala ċentru ta' proprjetà intellettuali u ta' arbitraġġ kummerċjali.

Il-Metropoli tat-Tramuntana, żona ta' żvilupp li se tinkludi distretti residenzjali u ċentru tal-innovazzjoni u t-teknoloġija, li tinsab fil-fruntiera maċ-Ċina kontinentali se tikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' Hong Kong mal-belt ta' Shenzhen u ż-Żona ta' Greater Bay (Greater Bay Area, GBA). Bdew xogħlijiet ta' infrastruttura għall-**Metropoli tat-Tramuntana**. Il-viċinat il-ġdid se jinkludi l-ewwel "żona ta' aċċess doppju" bejn iċ-Ċina kontinentali u Hong Kong. Dan se jikkontribwixxi biex il-punt fokali ekonomiku u amministrattiv tal-belt jitmexxa lejn it-Tramuntana, filwaqt li n-naħa tan-Nofsinhar tal-belt se tiffoka fuq it-turiżmu u l-attivitajiet ta' divertiment. L-organizzazzjonijiet ambjentali nnutaw li l-iżvilupp jista' jaffettwa r-riżervi naturali u l-parks ta' konservazzjoni tal-art mistagħdra li huma importanti biex jittaffa l-impatt tat-tibdil fil-klima.

⁵⁹ Id-diskors ta' Politika tal-2022 tal-Kap Eżekuttiv, Ottubru 2022, disponibbli fuq: <https://www.policyaddress.gov.hk/2022/en/policy.html>.

⁶⁰ Il-"Bond Connect" (bħal xi skemi oħra ta' konnessjoni) jippermetti lill-investituri jinnegozjaw fis-suq tal-bonds taċ-Ċina kontinentali permezz ta' Hong Kong (in-northbound trading) u investituri taċ-Ċina kontinentali biex jinnegozjaw f'Hong Kong (is-southbound trading).

Dwar il-**finanzjament ekoloġiku**, Hong Kong ħareġ bonds ekoloġiċi addizzjonali matul is-sena taħt il-programm tal-gvern għall-bonds ekoloġiċi mniedi fl-2018. L-għan huwa li jiġi promoss is-suq lokali tal-bonds ekoloġiċi filwaqt li jiġi avvanzat l-objettiv tan-newtralità tal-karbonju tal-belt. Barra minn hekk, il-borża nediet pjattaforma volontarja għan-negożjar tal-karbonju.

Fil-31 ta' Ottubru, Hong Kong ippreżenta strateġija dwar l-**assi virtwali**⁶¹, li tqieset bħala pass lejn pożizzjoni aktar favorevoli dwar l-assi virtwali u l-kriptoaluti. Ġie stabbilit reġim ta' liċenzjar għall-fornituri ta' servizzi ta' assi virtwali, se jkunu jistgħu jsiru tranżazzjonijiet fil-livell tal-konsumatur, u l-iskambji virtwali tal-assi se jkunu mħeġġin jistabbilixxu preżenza f' Hong Kong.

L-appoġġ tal-gvern u s-sitwazzjoni fiskali

Hong Kong kien mistenni jirreġistra **defiċit fiskali għas-sena finanzjarja 2022-2023** (li ntemmet f' Marzu 2023) minħabba żieda fl-infiq u ekonomija dgħajfa. Fil-baġit 2022-2023, aktar minn HKD 170 biljun (EUR 21 biljun) ġew ibbaġitjati għall-miżuri tal-COVID-19⁶², bħall-bini ta' faċilitajiet ta' iżolament, għall-isforzi biex tiġi kkontrollata l-pandemija, u bħall-appoġġ finanzjarju lir-residenti u lill-kumpaniji. Il-baġit tħabbar bl-aspettattiva li l-ekonomija tikber bi 2 % għal 3,5 % fl-2022 minflok r-reċessjoni li fil-fatt seħħet.

F' Settembru, is-Segretarju Finanzjarju wissa li d-defiċit pubbliku jista' jilħaq HKD 100 biljun (EUR 12,4 biljun) għas-sena finanzjarja kollha. Dan ikun it-tielet defiċit f' 4 snin wara d-defiċits ta' HKD 17-il biljun fl-2019-2020 u HKD 252 biljun fl-2020-2021 u surplus ta' HKD 255 miljun fl-2021-2022⁶³. Dan mhux normali għal ekonomija mdorrija b' surpluses favorevoli fiskali (id-defiċit fl-2019-2020 kien l-ewwel wieħed fi 15-il sena).

Id-defiċits kienu fil-biċċa l-kbira ffinanzjati billi ġew sfruttati r-riżervi fiskali kbar ta' Hong Kong. Ir-riżervi fiskali ammontaw għal HKD 681 biljun (EUR 84,1 biljun) f' Ottubru, tnaqqis ta' 16,5 % sena wara sena u ta' 35,2 % minn HKD 1 triljun f' Ottubru 2019. Ir-riżervi huma ekwivalenti għal madwar nefqa ta' 12-il xahar, meta mqabbla mal-24 xahar ta' qabel il-COVID-19.

Politika kummerċjali

⁶¹ Dikjarazzjoni ta' politika: *L-iżvilupp tal-Assi Virtwali f' Hong Kong*, is-Servizzi Finanzjarji u l-Uffiċċju tat-Teżor, Il-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong, disponibbli fuq:

<https://www.info.gov.hk/gia/general/202210/31/P2022103000454.htm>

⁶² Il-baġit 2022-2023, id-Diskors mis-Segretarju Finanzjarju, l-Onorevoli Paul MP Chan,

<https://www.budget.gov.hk/2022/eng/index.html>

⁶³ Ir-Riżultati Finanzjarji ta' kull Xahar, it-Teżor, il-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong, disponibbli fuq:

https://www.try.gov.hk/internet/ehpubl_acc_monfinancial.html

Il-Gvern ħabbar f'Novembru t-tnedija formali tan-negozjati ta' ftehim ta' kummerċ ħieles (FTA) mal-Perù⁶⁴. L-ewwel ċiklu ta' negozjati kopra l-kummerċ fi prodotti, servizzi, investment, kummerċ elettroniku, u kumpaniji żgħar u ta' daqs medju. Fl-2021, il-Perù kien il-ħames l-akbar sieħeb kummerċjali ta' Hong Kong għall-merkanzija fl-Amerika Latina. Il-Perù huwa wkoll membru tal-Alleanza tal-Paċifiku, li magħha Hong Kong kien qed jesplora wkoll il-bidu ta' diskussjonijiet tal-FTA.

Matul is-sena, Hong Kong kompli jfittex l-adeżjoni mas-Sħubija Ekonomika Komprensiva Reġjonali permezz tal-appoġġ tal-membri tiegħu.

Sa issa, Hong Kong iffirma tmien ftehimiet ta' kummerċ ħieles. Dawn huma, maċ-Ċina kontinentali (Ġunju 2003), New Zealand (Marzu 2010), l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (Ġunju 2011), iċ-Ċili (Settembru 2012), il-Macao (Ottubru 2017), l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (Novembru 2017, id-dħul fis-seħħ sħiħ fi Frar 2021), il-Georgia (Ġunju 2018) u l-Awstralja (Marzu 2019).

L-integrazzjoni ekonomika fiċ-Ċina kontinentali

Fl-2022, l-impatt tal-pandemija kompli jfixkel l-iżvilupp tal-GBA. Skont il-pjan ta' żvilupp ġenerali tal-GBA⁶⁵ maħruġ mill-Kunsill tal-Istat fl-2019, l-2022 kienet l-ewwel stadju importanti għal struttura industrijali ottimizzata u għal żvilupp ikkoordinat, bi tqassim tax-xogħol raġonevoli, u produzzjoni b'livell baxx ta' karbonju u stil ta' ħajja b'livell baxx ta' karbonju.

L-14-il pjan nazzjonali ta' ħames snin taċ-Ċina, maħruġ f'Marzu 2021, tenna l-oġġettivi għall-GBA u r-rwol ta' Hong Kong. Hong Kong għandu jikkonsolida r-rwol tiegħu bħala ċentru finanzjarju internazzjonali u japprofondixxi l-aċċess reċiproku bejn is-swieq finanzjarji taċ-Ċina kontinentali u Hong Kong. Il-pjan ta' ħames snin ta mandat lil Hong Kong biex jiżviluppa lilu nnifsu bħala ċentru għall-kummerċ, l-innovazzjoni u t-teknoloġija u t-trasport, inkluża l-konnettività tal-infrastruttura mal-GBA. Għandhom jiġu żviluppati wkoll servizzi internazzjonali legali u għas-soluzzjoni tat-tilwimm u l-kummerċ tal-proprjetà intellettuali. Is-SAR għandu jiffaċilita t-twassil tal-kapital u t-talent fil-GBA.

⁶⁴ Stqarrija għall-Istampa tal-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong, disponibbli fuq: <https://www.info.gov.hk/gia/general/202211/16/P2022111600587.htm?fontSize=1>.

⁶⁵ *Outline Development Plan for the Guangdong-Hong Kong-Macao Greater Bay Area* (it-traduzzjoni b'korteżija), disponibbli fuq: <https://www.bayarea.gov.hk/en/outline/plan.html>.

F'Ġunju 2022, għaż-Żona Moderna ta' Kooperazzjoni Industrijali fis-settur tas-Servizzi ta' **Qianhai** Shenzhen-Hong Kong (f'Shenzhen) tħabbru disa' miżuri ta' faċilitazzjoni relatati ma' Hong Kong li jkopru oqsma bħall-innovazzjoni u l-intraprenditorija taż-żgħażaġh, l-iżvilupp tat-teknoloġija, is-servizzi finanzjarji, is-servizzi legali u s-servizzi mediċi.

Fid-diskors ta' politika tiegħu, il-Kap Eżekuttiv ħabbar miżuri oħra tal-GAB li jinkludu: (1) it-tiżiħ tal-appoġġ għall-kumpaniji ta' Hong Kong li qed jespandu fil-GBA; (2) it-titjib tal-integrazzjoni tat-trasport intermodali u l-konnettività tal-ajruport ta' Hong Kong mal-GBA (inklużi l-faċilitajiet ta' trasferiment dirett); (3) l-inkoraġġiment tal-konverġenza tal-prattiki legali u l-medjazzjoni; u (4) l-użu fil-GBA ta' aktar mediċini u apparat mediku rreġistrat f'Hong Kong (permezz tal-miżuri ta' faċilitazzjoni implimentati fl-2021).

Hong Kong qed jipprova jippermetti wkoll lill-kumpaniji tal-assigurazzjoni jipprovdu servizzi ta' wara l-bejgħ tal-assigurazzjoni fi bliet tal-GBA. L-għan huwa li jiġu pprovduti servizzi ta' appoġġ lir-residenti tal-GBA li għandhom poloz tal-assigurazzjoni ta' Hong Kong u li jiġi żviluppat aċċess reċiproku għas-swieq tal-assigurazzjoni.

III. Ir-relazzjonijiet bejn Hong Kong u ċ-Ċina kontinentali

Is-Segretarju Ġenerali tal-Partit Komunista taċ-Ċina u l-**President Ċiniż Xi Jinping** żar **Hong Kong mit-30 ta' Ġunju sal-1 ta' Lulju** għall-25 anniversarju tat-trasferiment. Din kienet l-ewwel żjara tiegħu f'Hong Kong mill-2017 u l-ewwel żjara tiegħu barra miċ-Ċina kontinentali mit-tifqigħa tal-COVID-19 fl-2020 'l hawn. Xi Jinping għamel iċ-ċerimonja inawgurati għas-sitt terminu tal-gvern ta' Hong Kong u ħatar lill-Kap Eżekuttiv John Lee.

F'din l-okkażjoni, Xi Jinping għamel diskors li fih afferma li l-prinċipju ta' "pajjiż wieħed, żewġ sistemi" kien iservi mhux biss l-interessi fundamentali ta' Hong Kong, iżda wkoll tal-pajjiż kollu. Huwa ġabar fil-qosor it-tagħlimiet ta' dawn l-aħħar 25 sena u enfasizza l-importanza li jiġi implimentat bis-sħiħ u fedelment il-prinċipju ta' "pajjiż wieħed, żewġ sistemi". Dan jinkludi l-appoġġ tal-ġurisdizzjoni ġenerali tal-gvern ċentrali, l-iżgurar tal-livell għoli ta' awtonomija ta' Hong Kong, l-iżgurar li Hong Kong jiġi ġestit minn patrijotti, u ż-żamma tal-istatus distintiv u tal-vantaġġi ta' Hong Kong.

Barra minn hekk, Xi Jinping ressaq "erba' proposti" għall-amministrazzjoni l-ġdida u s-soċjetà: itejbu l-governanza, ikomplu joħlqu impetu qawwi għat-tkabbir, jindirizzaw it-tħassib tan-nies, u jaħdmu flimkien biex jissalvagwardjaw l-armonija u l-istabbiltà. Huwa ltaqa' ma' membri tal-leġiżlatura, tal-ġudikatura,

tas-settur privat, u mexxejja minn setturi differenti tas-soċjetà u spezzjona l-ġendarmerija tal-Armata għal-Liberazzjoni tal-Poplu.

Fil-ġimgħat ta' wara ż-żjara ta' Xi Jinping, il-gvern u l-organizzazzjonijiet favur Beijing organizzaw seminars biex jistudjaw id-diskors tal-1 ta' Lulju. Il-Bureau tal-Edukazzjoni qassam kopji tad-diskors lill-iskejjel u lill-kindergartens.

Qabel il-Kungress tal-Partit Komunista, saru għadd ta' bidliet fil-persunal fl-aġenziji tal-gvern ċentrali inkarigati minn Hong Kong, inkluż fil-Ġendarmerija tal-Armata għal-Liberazzjoni tal-Poplu ta' Hong Kong.

L-ivvjaġġar bejn Hong Kong u ċ-Ċina kontinentali baqa' ristrett. Il-Kap Eżekuttiv John Lee kkanċella l-ewwel żjara tiegħu fil-provinċja ta' Guangdong. Żjara mid-delegati tal-Kungress Nazzjonali tal-Poplu minn Hong Kong lejn Xinjiang f'Awwissu kellha tiġi posposta minħabba l-pandemija.

L-elezzjoni tad-delegati ta' Hong Kong għad-Deputati tal-Kungress Nazzjonali tal-Poplu saret fil-15 ta' Diċembru. Il-proċeduri għall-elezzjoni tad-delegati, adottati mill-Kungress Nazzjonali tal-Poplu f'Marzu 2022, illimitaw il-kulleġġ elettorali għall-membri Ċiniżi tal-Kumitat Elettorali.

F'Ottubru, iċ-Ċina sejħiet lura sitt uffiċjali mill-konsulat tagħha fil-belt Brittanika ta' Manchester wara li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tar-Renju Unit talbu li titneħħa l-immunità diplomatika tagħhom minħabba inċident li jinvolvi dimostranti minn Hong Kong li jinsabu barra mill-pajjiż⁶⁶.

Matul l-ewwel żjara tal-**Kap Eżekuttiv John Lee f'Beijing** bejn il-21 ta' Diċembru u l-24 ta' Diċembru, il-President Xi Jinping u l-Prim Ministru Li Keqiang faħħru l-ħidma tiegħu. John Lee ltaqa' wkoll ma' Li Qiang, it-tieni l-ogħla uffiċjal fil-Partit Komunista Ċiniż.

Iċ-Ċina kontinentali baqgħet l-akbar sieħeb kummerċjali ta' Hong Kong fil-merkanzija u kienet tirrappreżenta 49 % tal-kummerċ totali ta' Hong Kong matul l-ewwel 10 xhur tal-2022. Min-naħa tiegħu, Hong Kong kien ċentru kummerċjali importanti għaċ-Ċina kontinentali u kklassifika bħala l-ħames l-akbar sieħeb kummerċjali taċ-Ċina fl-ewwel disa' xhur tal-2022.

Il-provinċja ta' Guangdong baqgħet il-bażi ewlenija ta' pproċessar passiv għal Hong Kong. L-arranġament ta' Sħubija Ekonomika aktar mill-qrib maċ-Ċina kontinentali (2003) huwa l-aktar ftehim kummerċjali sostanzjali ta' Hong Kong. Fl-2022 ma kien hemm l-ebda emenda kbira fil-ftehim. Il-valur tal-

⁶⁶ <https://www.thestandard.com.hk/section-news/section/47096428/248254/UK-row-ends-as-China-recalls-diplomats>.

merkanzija esportata mill-ġdid permezz ta' Hong Kong miċ-Ċina kontinentali u lejha kien jammonta għal madwar 90 % tal-valur kummerċjali totali ta' esportazzjoni mill-ġdid ta' Hong Kong (2021).

Hong Kong baqa' ċ-ċentru finanzjarju offshore u ċ-ċentru ta' investiment ewlieni taċ-Ċina kontinentali. Fi tmiem l-2021, iċ-Ċina kontinentali kienet l-akbar sors ta' Investiment Dirett Barrani (IDB) eżoġenu ta' Hong Kong, minbarra ċ-ċentri offshore, u l-ewwel destinazzjoni għall-Investment Dirett Barrani endoġenu ta' Hong Kong, billi kienet tirrappreżenta 28 % u 49 % tal-istokks totali rispettivament⁶⁷. Min-naħa tiegħu Hong Kong baqa' destinazzjoni ewlenija tal-IDB taċ-Ċina kontinentali u s-sors ewlieni ta' IDB lejn iċ-Ċina kontinentali – li jammonta għal aktar minn nofs it-total f'kull direzzjoni. Kien hemm 1 395 kumpanija taċ-Ċina kontinentali elenkati f'Hong Kong, li jirrappreżentaw 77 % tal-kapitalizzazzjoni totali tas-suq.

Is-swieq kapitali ta' Hong Kong u taċ-Ċina kontinentali huma konnessi permezz tal-**iskema Stock Connect** li tgħaqqad il-Borża ta' Hong Kong mal-kontropartijiet tagħha f'Shanghai u Shenzhen, u l-iskema Bond Connect ta' aċċess reċiproku għas-suq fir-rigward tas-swieq tal-bonds. Dan ġie kkomplementat f'Settembru 2021 bit-tnejja ta' skema ta' Konnessjoni tal-Ġestjoni tal-Ġid għall-GBA. Dan jagħmilha possibbli għar-residenti eliġibbli taċ-Ċina kontinentali, ta' Hong Kong u tal-Macao li jinvestu fi prodotti tal-ġestjoni tal-ġid imqassmin mill-banek fis-swieq ta' xulxin.

Hong Kong saħħaħ l-aċċess reċiproku preferenzjali tiegħu mas-suq kapitali taċ-Ċina kontinentali. Il-fondi nnegozjati fil-borża (ETF) ġew inklużi fl-iskema Stock Connect, li ppermettiet lill-investituri internazzjonali jixtru ETFs eliġibbli fiċ-Ċina kontinentali u lill-investituri taċ-Ċina kontinentali biex jixtru ETFs eliġibbli f'Hong Kong. Tħabbret ukoll l-iskema Swap Connect⁶⁸. Dan se jiffaċilita l-aċċess reċiproku bejn Hong Kong u s-swieq interbankarji tal-iswaps tar-rati tal-imgħax taċ-Ċina kontinentali, filwaqt li jipprovdi investiment addizzjonali u għodda għall-ġestjoni tar-riskju lill-investituri fis-suq tal-bonds kontinentali. Ir-rotta lejn it-Tramuntana se titnieda l-ewwel, u r-rotta lejn in-Nofsinhar tista' tasal fi stadju aktar tard.

IV. Ir-relazzjonijiet bilaterali u l-kooperazzjoni bejn l-UE u Hong Kong

⁶⁷ *Statistical report on External Direct Investment Statistics of Hong Kong* (Rapport statistiku marbut mal-Istatistika dwar l-Investment Dirett Estern ta' Hong Kong) (Edizzjoni tal-2021), id-9 ta' Diċembru 2022: disponibbli fuq: <https://www.censtatd.gov.hk/en/EIndexbySubject.html?pcode=B1040003&scode=260>.

⁶⁸ Avviż Konġunt tal-Bank tal-Poplu taċ-Ċina, il-Kummissjoni tat-Titoli u l-Futuri ta' Hong Kong u l-Awtorità Monetarja ta' Hong Kong, disponibbli fuq: <https://www.hkma.gov.hk/eng/news-and-media/press-releases/2022/07/20220704-3>.

Iż-żjarat ta' livell għoli minn rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-UE komplew jiġu evitati minħabba r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar b'rabta mal-COVID-19. Għat-tielet sena konsekuttiva, id-**Djalogu Strutturati annwali bejn l-UE u Hong Kong** ma seħx. L-UE tagħti importanza lid-djalogu, kemm dwar kwistjonijiet li huma ta' tħassib kif ukoll dwar oqsma ta' interess reċiproku.

L-UE baqgħet l-akbar komunità tan-negozju barrani, qabel il-Ġappun, l-Istati Uniti u r-Renju Unit. Minn Ġunju 2022, mill-inqas 1 600 kumpanija tal-UE kienu stabbilixxew negozju f'Hong Kong. Ħafna minnhom (857) kienu qed jużaw il-belt bħala l-kwartieri ġenerali reġjonali tagħhom. In-negozji mill-UE kienu preżenti f'bosta setturi, inklużi s-servizzi finanzjarji u tan-negozju, il-kummerċ u l-loġistika, il-bejgħ bl-imnut, l-ikel u x-xorb, u l-konstruzzjoni. Abbażi tal-istħarriġ annwali dwar il-kumpaniji barranin tad-Dipartiment ta' Ċensiment u l-Istatistika ta' Hong Kong⁶⁹, l-għadd ta' kumpaniji tal-UE naqas biss bi ftit (-0,2 %) mil-livell tagħhom ta' qabel il-COVID (Ġunju 2019) għal 1 600 kumpanija. Dan jindika li l-kumpaniji tal-UE kienu aktar reżiljenti għall-iżviluppi lokali minn komunitajiet tan-negozju barranin oħra (l-għadd totali ta' kumpaniji barranin naqas b'5,2 % fl-istħarriġ). Madankollu, il-kumpaniji tal-UE li naqqsu jew irrilokaw xi attivitajiet u/jew persunal, li iżda baqgħu f'Hong Kong, mhumiex riflessi f'dawn l-istatistiki.

Fl-ewwel disa' xhur tal-2022, il-kummerċ bilaterali fil-merkanzija ammonta għal EUR 22,1 biljun, li baqa' l-istess (-0,03 %) meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2021. L-esportazzjonijiet tal-UE ta' merkanzija lejn Hong Kong ammontaw għal EUR 17,9 biljun, filwaqt li l-importazzjonijiet minn Hong Kong ammontaw għal EUR 4,1 biljun, li rriżultaw f'surplus ta' EUR 13,8 biljun għall-UE⁷⁰. **L-UE kienet it-tielet l-akbar sieħeb kummerċjali ta' Hong Kong fil-merkanzija** fl-ewwel 10 xhur tal-2022, wara ċ-Ċina kontinentali u t-Tajwan⁷¹. Hong Kong baqa' pjattaforma ewlenija għall-kummerċ bejn iċ-Ċina kontinentali u l-UE.

Il-kummerċ bilaterali tal-UE fis-servizzi ma' Hong Kong kiber b'25,1 % sena wara sena fl-2021 biex laħaq EUR 34,1 biljun⁷². L-importazzjonijiet tal-UE minn Hong Kong ammontaw għal EUR 12,3 biljun, u l-esportazzjonijiet tal-UE lejn Hong Kong ammontaw għal EUR 21,8 biljun (id-*data* proviżorja). Dan irriżulta f'surplus kummerċjali ta' EUR 9,5 biljun għall-UE. Id-*data* preliminari

⁶⁹ Rapport dwar l-Istħarriġ Annwali tal-2022 tal-Kumpaniji f'Hong Kong li għandhom il-Kumpaniji Omm tagħhom li jinsabu barra minn Hong Kong, id-Dipartiment ta' Ċensiment u l-Istatistika tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong, disponibbli fuq: <https://www.censtatd.gov.hk/en/EIndexbySubject.html?pcode=B1110004&scode=360>.

⁷⁰ Eurostat: European Union trade in goods, <http://epp.eurostat.ec.europa.eu/newxtweb/mainxtnet.do>.

⁷¹ Rapport statistiku dwar il-Kummerċ Estern tal-Merkanzija ta' Hong Kong (Ottubru 2022), is-6 ta' Diċembru 2022, disponibbli fuq: <https://www.censtatd.gov.hk/en/EIndexbySubject.html?pcode=B1020005&scode=230>.

⁷² Eurostat: Il-kummerċ fis-servizzi tal-Unjoni Ewropea - id-*data* annwali (proviżorja), https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/bop_its6_det/default/table?lang=en.

għall-ewwel nofs tal-2022 turi tkabbir qawwi fil-kummerċ bilaterali fis-servizzi ma' Hong Kong (+21,4 % sena wara sena għal EUR 19,3 biljun) u surplus kummerċjali għall-UE ta' EUR 4,7 biljun⁷³.

L-**investment** bidirezzjonali baqa' sinifikanti: skont l-aktar *data* reċenti, l-istokks ta' investment minn Hong Kong lejn l-UE ammontaw għal EUR 162 biljun u l-investment mill-UE lejn Hong Kong ammonta għal EUR 128 biljun⁷⁴.

Il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet ta' Hong Kong solvew diversi kwistjonijiet relatati mal-**kummerċ tal-prodotti tal-ikel**. Ġiet implimentata t-tranżizzjoni lejn pjattaforma ġdida (TRACES NT) għall-esportazzjoni ta' prodotti tal-annimali mill-UE.

L-attivitajiet operazzjonali ppjanati skont il-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni Doganali u l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka bejn l-UE u Hong Kong u l-pjan ta' azzjoni dwar l-infurzar doganali tad-**drittijiet tal-proprjetà intellettwali** (IPR) ġew imxekkla mir-restrizzjonijiet tal-COVID-19. Hong Kong baqa' t-tieni l-akbar post ta' oriġini, skont il-valur, ta' oġġetti importati fl-UE li jiksru d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, anki jekk dawn l-oġġetti ma kinux prodotti fil-belt. Il-laqgħat f' Hong Kong mat-tmexxija tad-Dipartiment tad-Dwana u s-Sisa ma sarux fl-2022.

Dwar it-**tassazzjoni**, il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta kkuntattja ġurisdizzjonijiet li ġew identifikati bħala rilevanti fir-rigward tal-eżenzjonijiet tagħhom fuq l-introjt minn sorsi barranin (foreign sourced income exemptions, FSIE), inkluż Hong Kong. Bħala riżultat tad-djalogu u tal-informazzjoni pprovduta, Hong Kong impenja ruħu li jirrifirma r-reġim tal-FSIE tiegħu sa tmiem l-2022 peress li nstab li ma kienx konformi. Fl-14 ta' Diċembru 2022 ġie adottat abbozz ta' liġi biex tiġi riformata t-taxxa ta' Hong Kong fir-rigward tar-reġim tal-FSIE⁷⁵. Il-ħidma fuq gwida għall-implimentazzjoni għadha għaddejja.

Is-sitt **attività annwali ta' TAIEX kontra t-traffikar** saret fis-26-27 ta' Jannar 2022. Is-sessjoni ta' ħidma kienet tikkonsisti f'żewġ sessjonijiet online ta' nofs ġurnata li koprew ix-xejriet internazzjonali tul il-COVID-19, il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin li jinvolvi ż-żwieġ furzat ta' minoranzi etniċi, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, l-investigazzjonijiet finanzjarji dwar it-traffikar tal-

⁷³ Eurostat: Il-bilanċ tal-pagamenti tal-Unjoni Ewropea u taż-żona tal-euro - id-*data* trimestrali disponibbli fuq, https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/BOP_EU6_Q__custom_457552/default/table.

⁷⁴ Eurostat : European Union foreign investment statistics, https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/bop_fdi6_geo/default/table?lang=en.

⁷⁵ <https://www.info.gov.hk/gia/general/202212/14/P2022121400286.htm>.

bnedmin u l-ghajjnuna lill-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin. Din kienet it-tieni darba li l-attività saret online. Il-parteċipazzjoni min-naħa ta' Hong Kong kienet tajba, b'madwar 70 parteċipant minn diversi dipartimenti tal-gvern. Seba' esperti mill-UE indirizzaw il-workshop.

Tnediet **Faċilità ta' Appoġġ għall-Involviment bejn l-UE u Hong Kong** għar-relazzjonijiet ma' Hong Kong. Ġew organizzati attivitajiet pubbliċi dwar ir-riforma tat-taxxa (FSIE) u s-sostenibbiltà.

Minħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID-19, **l-attivitajiet ta' diplomazija pubblika**, bħal Jum l-Ewropa, ma setgħux jiġu organizzati fl-ewwel nofs tas-sena. Wara li r-restrizzjonijiet naqsu, l-attivitajiet wiċċ imb wiċċ reġġu bdew gradwalment.

L-Uffiċċju tal-UE organizza l-**Festival tal-Films tal-UE 2022**, li matulu ntwera film Ukren. Xi attivitajiet oħra kienu jinkludu t-tindif tal-bajjiet, il-Jum Internazzjonali kontra l-Omofobija, it-Transfobija u l-Bifobija, festival ta' dokumentarji, sessjonijiet qosra ta' taħdit multilingwi ma' nies differenti (Speak Dating) (attività li tippromwovi l-lingwi tal-UE), il-Jum Internazzjonali għall-eliminazzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u l-Jum Dinji tal-AIDS. L-Uffiċċju tal-UE ma organizza l-ebda attività pubblika dwar il-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem minħabba l-ambjent li nħoloq permezz tal-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Lulju 2020 dwar Hong Kong taw il-mandat biex il-**proċessi ta' attivisti favur id-demokrazija jiġu osservati** b'mod kontinwu. L-Uffiċċju tal-UE u l-Istati Membri tal-UE f'Hong Kong fl-2022 wettqu 71 osservazzjoni fuq il-proċessi.